Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0237(COD)

22.7.2026

EMENDI
1196 - 1421

Abbozz ta' rapport
Eric Sargiacomo
(PE789.874v01-00)

dwar il-poposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-menda tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-iskema tal-frott, il-ħxejjex u l-ħalib fl-iskejjel ("l-iskema għall-iskejjel tal-UE"), l-interventi settorjali, il-ħolqien ta' settur tal-proteini, ir-rekwiżiti għall-qanneb, il-possibbiltà ta' standards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-ġobon, l-għelejjel li fihom il-proteini u l-laħam, l-applikazzjoni ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni, ir-regoli dwar id-disponibbiltà tal-provvisti fi żmien ta' emerġenzi u kriżi serja u garanzijiProposta għal regolament (COM(2025)0553 – C10-0163/2025 – 2025/0237(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 1196
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fl-Artikolu 78, il-paragrafu 1, il-punt (f) jitħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

Emenda konformi mal-emenda preċedenti.

Emenda 1197
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) laħam tal-majjal;	***imħassar***

Or. it

Emenda 1198
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) laħam tan-nagħaġ;	***imħassar***

Or. it

Emenda 1199
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) laħam tal-mogħoż.;	***imħassar***

Or. it

Emenda 1200
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) Fl-Artikolu 78, il-paragrafu 1, jiżdied punt (ja) ġdid:
	(ja) laħam tal-fniek.

Or. en

Emenda 1201
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) (k) laħam tal-fenek.

Or. fr

Emenda 1202
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fl-Artikolu 78(1), jiżdied il-laħam tal-fenek.

Or. es

Emenda 1203
Jérémy Decerle, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fl-Artikolu 88a, jiżdied il-paragrafu (2a) ġdid
	It-terminu "jikkonforma mal-metodi ta' produzzjoni tal-UE" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħra, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali relatati ma' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq u li l-metodi ta' produzzjoni tiegħu, ikun minn liema pajjiż ikun, jistgħu jitqiesu bħala

ekwivalenti għall-metodi ta' produzzjoni stabbiliti għall-pjanti u għall-annimali mid-dritt tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex temenda dan ir-Regolament billi tiddefinixxi l-kundizzjonijiet preċiżi li skonthom il-metodi ta' produzzjoni ta' prodotti importati jitqiesu ekwivalenti għall-metodi ta' produzzjoni tal-Unjoni u jistgħu jiġu ċċertifikati bħala tali.

Or. en

Emenda 1204
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Jiżdied il-paragrafu 5a mal-Artikolu 78, kif ġej:
	5a. Sabiex jitqies l-għadd kbir ta' denominazzjonijiet tradizzjonali użati b'mod komuni biex jindikaw il-prodotti tal-laħam u l-prodotti tal-laħam ipproċessati msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), tal-Parti Ia tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament, kif ukoll biex jitqiesu l-prodotti tal-laħam ipproċessati ta' kull pajjiż, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 sabiex iżżid denominazzjonijiet mal-lista ta' denominazzjonijiet riżervati għall-prodotti tal-laħam u mal-lista ta' denominazzjonijiet mogħtija bħala eżempji għall-prodotti tal-laħam ipproċessati fil-Parti Ia tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 1205
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) fl-Artikolu 78, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:
	"6. Sabiex jitqies l-għadd kbir ta' denominazzjonijiet tradizzjonali użati b'mod komuni biex jindikaw il-prodotti tal-laħam u l-prodotti tal-laħam ipproċessati msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), tal-Parti Ia tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament, kif ukoll biex jitqiesu l-prodotti tal-laħam ipproċessati speċifiċi għal kull pajjiż, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 sabiex iżżid denominazzjonijiet mal-lista ta' denominazzjonijiet riżervati għall-prodotti tal-laħam u mal-lista ta' denominazzjonijiet mogħtija bħala eżempji għall-prodotti tal-laħam ipproċessati fil-Parti Ia tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 1206
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 78 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fl-Artikolu 78, jiżdied paragrafu (5a) ġdid:
	(5a) Sabiex titqies il-firxa wiesgħa ta' ismijiet tradizzjonali użati b'mod komuni għall-prodotti tal-laħam u għall-prodotti tal-laħam ipproċessat imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Parti Ia tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament, kif ukoll għall-prodotti tal-laħam ipproċessat speċifiċi għall-pajjiż, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex iżżid ismijiet mal-lista ta' ismijiet riżervati għall-prodotti tal-laħam u mal-lista ta' ismijiet eżemplari għall-prodotti tal-laħam ipproċessat stabbilita fil-Parti Ia tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1207
André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 81 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) (b) waħda mill-varjetajiet li ġejjin: Noè, Otello, Isabelle, Jacquez, Clinton u Herbemont.
	B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jikklassifikaw waħda jew aktar minn dawk il-varjetajiet għall-irqajja' fejn il-produzzjoni u l-użu tal-varjetà jkunu ddokumentati bħala parti mill-wirt tradizzjonali tal-vitikultura tar-reġjun.
	Il-prodotti tal-inbid miksuba minn dawk l-irqajja' jistgħu jiġu mmanifatturati u

kkummerċjalizzati fl-Unjoni, dment li:

(i) l-irqajja' u l-operaturi kkonċernati jkunu rreġistrati;

(ii) ikun stabbiliti traċċabbiltà sħiħa u tikkettar speċifiku;

(iii) il-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar is-sikurezza alimentari u l-inbid u jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali;

(iv) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet ta' kontroll nazzjonali jew reġjonali applikabbli. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-tħawwil ġdid jew l-espansjoni taż-żona okkupata minn dawk il-varjetajiet meta jkun meħtieġ biex jiżguraw il-proporzjonalità u jipprevjenu l-espansjoni bla trażżin.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Ċerti varjetajiet ipprojbiti fil-livell tal-Unjoni għandhom rwol storiku, kulturali u ekonomiku ddokumentat f'reġjuni ultraperiferiċi speċifiċi, inkluż fil-produzzjoni tradizzjonali ta' "vinho de cheiro" fl-Azores. Derogi ristretti għal territorji speċifiċi kieku jippermettu l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni kkontrollata filwaqt li jinżammu r-reġistrazzjoni, it-traċċabbiltà, it-tikkettar, il-kontrolli uffiċjali u l-konformità mar-rekwiżiti kollha dwar is-sikurezza alimentari u l-inbid.

Emenda 1208
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 81 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(14a) L-Artikolu 81, il-paragrafu 2, is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Huma biss il-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid	Huma biss il-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid

li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu kklassifikati mill-Istati Membri:	li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu kklassifikati mill-Istati Membri:
(a) il-varjetà konċernata tkun tal-ispeċi Vitis vinifera jew tkun ġejja minn inkroċju bejn ***l-ispeċi*** Vitis vinifera u speċijiet oħra tal-ġenus Vitis***;***	(a) il-varjetà kkonċernata tkun tal-ispeċi Vitis vinifera jew ***Vitis Labrusca;***
(b) il-varjetà ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin: Noè, Otello, Isabelle, Jacquez, Clinton u Herbemont.	***(b) il-varjetà konċernata*** tkun ġejja minn inkroċjata bejn ***l-ispeċijiet*** Vitis vinifera***,*** ***Vitis Labrusca*** u speċijiet oħra tal-ġenus Vitis***.*** ***”*** ***”***

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Emenda 1209
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 81a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(14a) Artikolu 81 Sostenibbiltà tas-settur tal-inbid 1. Iċ-ċertifikazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà ġenerali tal-inbid, miksuba permezz ta’ skemi u programmi li jikkonformaw mal-prinċipji u mal-linji gwida ta’ implimentazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) għall-vitikultura sostenibbli, kif definit fir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-OIV, għandhom jitqiesu bħala prova suffiċjenti tal-konformità mas-sostenibbiltà. Dawn iċ-ċertifikazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti u jinkludu l-elementi ewlenin li ġejjin: (a) Firxa globali: permezz tal-inklużjoni bbilanċjata tal-pilastri kollha tas-sostenibbiltà: ambjentali, ekonomiku u soċjali; (b) Kredibbiltà: żgurata minn awditi mwettqa**

	minn partijiet terzi indipendenti; (c) Titjib kontinwu: b'aġġornamenti regolari u titjib fis-sistema; (d) Addizzjonalità: l-iffukar fuq rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-konformità legali; (e) Għoti ta' attenzjoni lill-organizzazzjoni kollha kemm hi aktar milli lill-prodotti individwali.

Or. it

Emenda 1210
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 89 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) fl-Artikolu 89, jiddaħħal il-punt li ġej:
	il-kundizzjonijiet li skonthom l-annimali ħajjin importati u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali jitqiesu konformi mar-rekwiżiti tal-benessri tal-annimali ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni; u

Or. en

Emenda 1211
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Csaba Dömötör, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 90a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***fl-Artikolu*** 90a***,*** il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	(15) ***l-Artikolu*** 90a ***huwa emendat kif ġej:***

(a) jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

"It-tikkettar ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsumatur finali għandu jindika l-pajjiż ta' oriġini fuq quddiem tal-imballaġġ, b'mod viżibbli u li jinftiehem għall-konsumatur finali";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. fr

Emenda 1212
Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 90a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali amministrattivi proporzjonati, effettivi u dissważivi. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tali penali jekk in-nuqqas ta' konformità ***hija minuri.;***	4. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali amministrattivi proporzjonati, effettivi u dissważivi. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tali penali jekk in-nuqqas ta' konformità ***huwa ta' natura formali jew ma jaffettwax b'mod sostanzjali l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tissostitwixxi t-terminu "minuri", li huwa vag u jħalli lok eċċessiv għall-interpretazzjoni mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni, u dan joħloq riskju ta' applikazzjoni inkonsistenti madwar l-Unjoni. Il-formulazzjoni l-ġdida tipprovdi ċertezza legali akbar, tnaqqas l-ambitu għal interpretazzjoni diverġenti u tiżgura li l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi applikat b'mod aktar effettiv.

Emenda 1213
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 90a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali amministrattivi proporzjonati, effettivi u dissważivi. ***L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tali penali jekk in-nuqqas ta' konformità hija minuri.;***	4. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali amministrattivi proporzjonati, effettivi u dissważivi.

Or. en

Emenda 1214
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 90a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali amministrattivi proporzjonati, effettivi u dissważivi. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tali penali jekk in-nuqqas ta' konformità ***hija*** minuri.;	4. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu proċeduri sabiex*** japplikaw penali amministrattivi proporzjonati, effettivi u dissważivi. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tali penali jekk in-nuqqas ta' konformità ***huwa*** minuri.;

Or. en

Emenda 1215
Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Dolors Montserrat, Emmanouil Kefalogiannis, Paulo do Nascimento Cabral, Elena Nevado del Campo, Rosa Estaràs Ferragut, Isabel Benjumea Benjumea, Adrián Vázquez Lázara, Antonio López-Istúriz White, Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 92 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15a) L-Artikolu 92, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 2 jitħassar
Madankollu, ir-regoli stabbiliti f'din it-taqsima ma japplikawx għall-prodotti msemmija fl-Anness VII, Parti II, punti (1), (4), (5), (6), (8) u (9), meta tali prodotti jkunu għaddew minn trattament ta' dealkoħolizzazzjoni totali f'konformità mal-Anness VIII, Parti I, Taqsima E.	”
	”

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1216
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 93 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Fl-Artikolu 93, il-paragrafu 4 huwa sostitwit kif ġej:
4. Il-produzzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, punti (a)(iv) u (b)(iv), tinkludi l-operazzjonijiet kollha involuti, ***mill-qtugħ*** tal-għeneb sat-tmiem tal-proċessi tal-produzzjoni tal-inbid, ħlief ***għall-ħsad tal-għeneb*** li mhux ***ġej*** miż-żona ġeografika ***ikkonċernata*** msemmija fil-paragrafu 1, punt (b)(iii), u ħlief għal kwalunkwe proċess ta' wara l-produzzjoni.	4. Il-produzzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, punti (a)(iv) u (b)(iv), tinkludi l-operazzjonijiet kollha involuti, ***mill-ġbir*** tal-għeneb sat-tmiem tal-proċessi tal-produzzjoni tal-inbid, ħlief ***għal prodotti tal-inbid*** li mhux ***ġejjin*** miż-żona ġeografika ***kkonċernata*** msemmija fil-paragrafu 1, punt (b)(iii), u ħlief għal kwalunkwe proċess ta' wara l-produzzjoni.

Or. it

Emenda 1217
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 93 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Fl-Artikolu 93, jiżdied il-paragrafu 5:
	5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (b)(ii) tal-paragrafu 1, il-kwota massima ta' prodotti tal-għeneb ta' 15 % li jistgħu joriġinaw minn barra ż-żona definita trid tiġi mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz li fih tkun tinsab iż-żona definita.

Or. it

Emenda 1218
Esther Herranz García, Charles Goerens, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Dolors Montserrat, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Isabel Benjumea Benjumea, Adrián Vázquez Lázara, Antonio López-Istúriz White, Rosa Estaràs Ferragut, Elena Nevado del Campo, Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 94 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15b) L-Artikolu 94, il-paragrafu 3, huwa emendat kif ġej:
Meta l-inbid jew l-inbejjed ikunu jistgħu jiġu parzjalment dealkoħolizzati, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed parzjalment dealkoħolizzati f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (d), mutatis mutandis, u, fejn applikabbli, il-prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-	***"***Meta l-inbid jew l-inbejjed ikunu jistgħu jiġu ***totalment jew*** parzjalment dealkoħolizzati, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed ***totalment jew*** parzjalment dealkoħolizzati f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (d), mutatis mutandis, u, fejn applikabbli, il-

inbid jew l-inbejjed parzjalment dealkoħolizzati, kif ukoll ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom.	prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed ***totalment jew*** parzjalment dealkoħolizzati, kif ukoll ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom. ***”***

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1219
Esther Herranz García, Dolors Montserrat

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 120 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15c) Fl-Artikolu 120, il-paragrafu 1, il-punt (ga) huwa inkluż:
	(ga) għall-inbejjed b’denominazzjoni ta’ oriġini protetta jew b’indikazzjoni ġeografika protetta, fejn ma jkun ġie applikat l-ebda trattament ta’ dealkoħolizzazzjoni f’konformità mal-Parti I, it-Taqsima E tal-Anness VIII, għall-prodott kollu jew għal parti minnu, it-terminu “b’livell baxx ta’ alkoħol naturali” jista’ jintwera jekk il-qawwa alkoħolika reali tal-prodott ma taqbiżx il-volum ta’ 8,5 % dment li l-prodott tal-inbid ikun ġej esklużivament minn għeneb maħsud fiż-żoni ta’ vitikultura A u B imsemmija fl-Appendiċi I tal-Anness VII, u ma jaqbiżx il-volum ta’ 9 % f’żoni oħra ta’ vitikultura.
	”

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1220
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 123aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 123b (ġdid) – Kummerċjalizzazzjoni
	1. Għandhom jiġu appoġġati miżuri li jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u agroalimentari li joriġinaw mir-reġjuni ultraperiferiċi (ORs), bil-għan li:
	(a) jissaħħu s-swieq lokali u reġjonali f'kull OR;
	(b) jiżdied il-kummerċ bejn ORs differenti;
	(c) jitjieb l-aċċess tal-prodotti tal-OR għas-swieq tal-UE, b'mod partikolari s-swieq fl-Ewropa kontinentali;
	(d) jitnaqqsu l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-qagħda mbiegħda, mill-insularità, mill-pożizzjoni ultraperiferika, mis-swieq żgħar, mid-dipendenza fuq it-trasport u mill-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi speċifiċi;
	(e) jiżdied il-valur miżjud miżmum mill-produtturi u mill-intrapriżi stabbiliti fl-ORs;
	(f) jissawru l-awtonomija alimentari, id-diversifikazzjoni ekonomika u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista fl-ORs.
	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, jistgħu jiġu appoġġati operazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni:
	(a) fl-OR fejn il-prodotti jiġu mmanifatturati jew ipproċessati;
	(b) bejn OR differenti, irrispettivament mill-Istat Membru li minnu jiffurmaw parti;

(c) bejn ORs u reġjuni oħra tal-Istat Membru tagħhom;

(d) bejn ORs u swieq oħra tal-Unjoni.

L-appoġġ jista', b'mod partikolari, ikopri dawn li ġejjin:

(a) il-kostijiet tat-trasport marittimu, bl-ajru u fuq l-art, inklużi l-kostijiet tat-traġbord kif ukoll dawk tat-trasport multimodali;

(b) il-kostijiet tal-ħżin, tal-konsolidazzjoni, tat-tgeżwir, tal-imballaġġ, tat-tikkettar u tal-preżervazzjoni tal-prodotti;

(c) it-twaqqif u l-modernizzazzjoni ta' ċentri loġistiċi, pjattaformi ta' distribuzzjoni, imħażen imkessħa u faċilitajiet kollettivi oħra li jkunu meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni.

Or. pt

Emenda 1221
Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 125 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini għax-xiri tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli bejn dawk li jkabbru l-pitravi u l-kannamieli fl-Unjoni u l-impriżi taz-zokkor tal-Unjoni, inklużi l-kuntratti ta' konsenja ta' qabel iż-żriegħ, għandhom ikunu rregolati minn ftehimiet bil-miktub fi ħdan il-kummerċ kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima A, il-punt 6, tal-Anness II.;	1. It-termini għax-xiri tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli bejn dawk li jkabbru l-pitravi u l-kannamieli fl-Unjoni u l-impriżi taz-zokkor tal-Unjoni, inklużi l-kuntratti ta' konsenja ta' qabel iż-żriegħ, għandhom ikunu rregolati minn ftehimiet bil-miktub fi ħdan il-kummerċ kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima A, il-punt 6, tal-Anness II.; ***ftehimiet li għandhom jiżguraw bilanċ ġust bejn il-partijiet u ma għandhomx iwasslu għal prattiki kuntrattwali abbużivi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tintroduċi dan ir-rekwiżit biex jiġu żgurati relazzjonijiet kuntrattwali ġusti u trasparenti fis-settur agrikolu. F'diversi setturi agroalimentari, inkluż taz-zokkor, jeżistu żbilanċi strutturali fis-saħħa tan-negozjar bejn il-produtturi u l-proċessuri. Mingħajr prinċipji ċari li jiżguraw il-bilanċ kuntrattwali, dawn l-iżbilanċi jistgħu jwasslu għal prattiki inġusti li jaffettwaw b'mod negattiv l-introjtu tal-bdiewa u l-istabbiltà tal-katina tal-provvista.

Emenda 1222
Younous Omarjee, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Artikolu 126a (ġdid)
	Miżura għal zokkrijiet ta' speċjalità mir-reġjuni ultraperiferiċi
	1. Għandu jiġi introdott mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq taz-zokkrijiet ta' speċjalità li joriġinaw mir-reġjuni ultraperiferiċi bil-pubblikazzjoni ta' dan l-Att sal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (2034), filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali strutturali speċifika ta' dawn ir-reġjuni, aggravata mill-pożizzjoni remota, mill-insularità, mid-daqs żgħir, mit-topografija u mill-klima diffiċli tagħhom, u mid-dipendenza ekonomika fuq għadd limitat ta' prodotti.
	2. Dan il-mekkaniżmu għandu jinkludi:
	(a) Għal kull linja tariffarja li tikkorrispondi għas-suq taz-zokkrijiet ta' speċjalità, għandu jiġi introdott prezz ta' referenza annwali minimu, ibbażat fuq il-prezz medju tal-importazzjoni tal-UE rreġistrat matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni taz-zokkor minn Ottubru 2023 – Settembru 2024:
	- Għall-kodiċi 1701 1490, dan huwa stabbilit għal EUR 857/tunnellata,

- Għall-kodiċi 1701 1390, il-prezz huwa stabbilit għal EUR 1 284/tunnellata

- Għall-kodiċi 1701 9100, il-prezz huwa stabbilit għal EUR 2 199/tunnellata

- Għall-kodiċi 1701 9990, il-prezz huwa stabbilit għal EUR 994/tunnellata

Dan il-prezz għandu jiġi evalwat mill-ġdid kull sena biex titqies l-inflazzjoni (skont l-indiċi taż-żona tal-euro), u l-ewwel korrezzjoni li ssir fl-1 ta' Jannar 2027.

(b) dazju varjabbli ta' appoġġ għas-suq meta l-prezz CIF tal-importazzjoni jkun aktar baxx mill-prezz ta' referenza. Dan id-dazju huwa ugwali għad-differenza bejn il-prezz ta' referenza u l-prezz tal-importazzjoni, sa massimu ta' EUR 419/tunnellata.

(c) Il-punti tad-dħul doganali għas-suq Ewropew kollu huma deżinjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

Or. fr

Emenda 1223
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jiżdied l-Artikolu 127a kif ġej:
	Artiklu 127a – (ġdid) Miżuri kontra disturbi fis-suq fis-settur taz-zokkor
	***1. F'sitwazzjonijiet ta' disturb fis-suq jew ta' theddida ta' disturb fis-suq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet u għal deċiżjonijiet ta'**

assoċjazzjonijiet tal-manifatturi taz-zokkor tal-Unjoni u tal-kultivaturi tal-pitravi taz-zokkor tal-Unjoni, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jikkompromettux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

(a) Irtirar mis-suq

(b) Ipproċessar u tqegħid fis-suq

(c) Ħżin minn operaturi privati

(d) Ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni

(e) Esportazzjonijiet taz-zokkor abjad

2. Meta l-Kummissjoni tawtorizza ftehimiet skont dan l-Artikolu, il-miżuri l-oħra ta' ġestjoni tas-suq jistgħu jingħataw esklużivament fil-qafas ta' tali ftehimiet awtorizzati. 3. Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 127 il-ġdid, tista' tiddeċiedi li tagħti appoġġ tal-Unjoni fil-kuntest tax-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda msemmija fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-mekkaniżmu Ewropew. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati.

Or. fr

Emenda 1224
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) fil-Parti II, it-Titolu II, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1 u s-Subtaqsima 1, jiżdied l-Artikolu 126a li ġej
	Miżuri kontra disturb fis-suq fis-settur taz-zokkor
	1. F'sitwazzjonijiet ta' disturb fis-suq jew ta' theddida ta' disturb fis-suq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-effett li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet tal-manifatturi taz-zokkor tal-UE u tal-kultivaturi tal-pitravi taz-zokkor tal-UE, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jimminawx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
	(a) L-irtirar mis-suq
	(b) It-trasformazzjoni u l-ipproċessar
	(c) Il-ħżin minn operaturi privati
	(d) L-ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni
	(e) L-esportazzjonijiet taz-zokkor abjad
	(f) Ir-ristrutturar
	2. Meta l-Kummissjoni tawtorizza ftehimiet skont dan l-Artikolu, il-miżuri l-oħra ta' ġestjoni tas-suq jistgħu jingħataw esklużivament fil-qafas ta' tali ftehimiet awtorizzati.
	3. Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 127 (ġdid), tista' tiddeċiedi li tagħmel l-appoġġ tal-Unjoni mix-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda msemmija fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Faċilità Ewropea. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-

implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati.

Or. en

Emenda 1225
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Csaba Dömötör, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jiżdied l-Artikolu 127 li ġej:
	"Artikolu 127
	Miżuri għall-indirizzar ta' disturbi fis-suq fis-settur taz-zokkor
	1. F'sitwazzjonijiet ta' disturb fis-suq jew ta' theddida ta' disturb fis-suq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet u għal deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet tal-manifatturi taz-zokkor u tal-kultivaturi tal-pitravi taz-zokkor tal-Unjoni Ewropea, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jikkompromettux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
	(a) irtirar mis-suq;
	(b) ipproċessar u trattament;
	(c) ħżin minn operaturi privati;
	(d) ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni;
	(e) esportazzjonijiet taz-zokkor abjad;

(f) ristrutturar.

2. Meta l-Kummissjoni tawtorizza ftehimiet skont dan l-Artikolu, il-miżuri l-oħra ta' ġestjoni tas-suq jistgħu jingħataw biss fil-qafas ta' tali ftehimiet awtorizzati.

3. Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, tista' tiddeċiedi li tagħti appoġġ tal-Unjoni fil-kuntest tax-"Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda" msemmija fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-mekkaniżmu Ewropew. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati.";

Or. fr

Emenda 1226
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Artikolu 127a – (ġdid) Miżuri kontra t-tfixkil fis-suq fis-settur taz-zokkor 1. F'sitwazzjonijiet ta' tfixkil fis-suq jew theddida ta' tfixkil fis-suq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw li l-Artikolu 101, il-paragrafu 1, tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet tal-produtturi taz-zokkor tal-UE u ta' dawk li jkabbru l-pitravi taz-zokkor tal-UE, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikollhom l-għan esklużiv li jistabbilizzaw is-settur u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin: (a) L-irtirar mis-suq (b) It-

trasformazzjoni u l-ipproċessar (c) Il-ħżin minn operaturi privati (25d) L-ippjanar temporanju tal-produzzjoni li jqis l-ispeċifiċità taċ-ċiklu tal-produzzjoni (e) Esportazzjonijiet taz-zokkor abjad 2. Meta l-Kummissjoni tawtorizza ftehimiet skont dan l-Artikolu, il-miżuri l-oħra ta' ġestjoni tas-suq jistgħu jingħataw eskluživament fl-ambitu ta' tali ftehimiet awtorizzati. 3. Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 127 ġdid, hija tista' tiddeċiedi li tipprovdi appoġġ tal-Unjoni taħt ix-xibka ta' sikurezza "Unità" msemmija fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Fond Ewropew. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il settore dello zucchero di barbabietola dell'UE presenta caratteristiche strutturali specifiche. Esso combina la produzione agricola, soggetta a vincoli stagionali e biologici, con la trasformazione industriale basata su lunghi cicli di produzione e contrattuali, poiché le decisioni relative all'acquisto delle barbabietole da zucchero vengono prese con largo anticipo rispetto alla commercializzazione dello zucchero che ne deriva. Il settore è inoltre interessato da un problema di azione collettiva, in quanto i singoli operatori non possono affrontare efficacemente gli squilibri di mercato attraverso adeguamenti unilaterali, poiché tali sforzi rischiano di svantaggiare gli operatori interessati, pur essendo neutralizzati dal comportamento di altri partecipanti al mercato e non riuscendo a ripristinare l'equilibrio complessivo del mercato. Questa realtà strutturale è stata storicamente riconosciuta attraverso il sistema delle quote. In periodi di perturbazione del mercato o di minaccia di tale perturbazione, l'assenza di coordinamento tra coltivatori di barbabietola e produttori di zucchero può portare a esiti di mercato disordinati. Il presente emendamento consente, a condizioni rigorose e per un periodo limitato, misure di coordinamento temporanee, garantendo al contempo la proporzionalità e il rispetto delle regole di concorrenza attraverso l'allineamento all'articolo 222

Emenda 1227
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Fil-Parti II, Titolu II, Kapitolu II, Taqsima 1, Subtaqsima 2, jiżdied l-artikolu li ġej:
	Artikolu 127a
	Miżuri fis-settur taz-zokkor f'każijiet ta' żbilanċ fis-swieq
	1. F'każijiet meta jseħħ jew ikun hemm riskju li jseħħ żbilanċ qawwi fis-swieq fis-sens tal-Artikolu 3(5), il-produtturi taz-zokkor, dawk li jkabbru l-pitravi u l-organizzazzjonijiet tagħhom jistgħu jikkonkludi ftehimiet dwar: l-irtirar, l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tal-ħżin privat u tal-esportazzjoni taz-zokkor abjad.
	2. Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 222, il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibbenefikaw minn deroga mill-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
	3. Il-miżuri meħuda skont dan l-Artikolu jistgħu jiġu appoġġati finanzjarjament mir-riżerva għall-agrikoltura jew mix-xibka ta' sikurezza stabbilita mir-Regolament dwar il-Pjanijiet Nazzjonali.

Or. pl

Emenda 1228
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 126a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Artikolu 126a – ġdid
	“1. F’sitwazzjonijiet ta’ disturb fis-suq jew ta’ theddida ta’ disturb fis-suq, il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni bl-effett li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta’ assoċjazzjonijiet tal-manifatturi taz-zokkor tal-UE u tal-kultivaturi tal-pitravi taz-zokkor tal-UE, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jimminawx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
	(a) L-irtirar mis-suq
	(b) It-trasformazzjoni u l-ipproċessar
	(c) Il-ħżin minn operaturi privati
	(d) L-ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni
	(e) L-esportazzjonijiet taz-zokkor abjad
	(f) Ir-ristrutturar
	2. Meta l-Kummissjoni tawtorizza ftehimiet skont dan l-Artikolu, il-miżuri l-oħra ta’ ġestjoni tas-suq jistgħu jingħataw esklużivament fil-qafas ta’ tali ftehimiet awtorizzati.
	3. Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta’ implimentazzjoni f’konformità mal-Artikolu 127 (ġdid), tista’ tiddeċiedi li tagħmel l-appoġġ tal-Unjoni mix-Xibka ta’ Sikurezza fl-Għaqda msemmija fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Faċilità Ewropea. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ dawn il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati.
	”

Or. en

(Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Ġustifikazzjoni

The EU beet sugar sector has specific structural characteristics. It combines agricultural production, subject to seasonal and biological constraints, with industrial processing based on long production and contracting cycles, as sugar beet purchase decisions are taken well in advance of the marketing of the resulting sugar. The sector is also affected by a collective action problem, as individual operators cannot effectively address market imbalances through unilateral adjustments, since such efforts risk disadvantaging the operators concerned, while being neutralised by the behaviour of other market participants and failing to restore overall market balance. This structural reality was historically recognised through the quota system.In periods of market disturbance or threat thereof, the absence of coordination between beet growers and sugar manufacturers can lead to disorderly market outcomes. This amendment allows, under strict conditions and for a limited period, temporary coordination measures, while ensuring proportionality and respect of competition rules through alignment with Article 222.

Emenda 1229
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Taqsima 2a – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qanneb	***imħassar***

Or. it

Emenda 1230
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Taqsima 2a – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 147b	***imħassar***

Or. it

Emenda 1231
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Produzzjoni tal-qanneb	***imħassar***

Or. it

Emenda 1232
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Produzzjoni tal-qanneb	Produzzjoni tal-qanneb ***industrijali***

Or. en

Emenda 1233
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata	***imħassar***

fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302 imkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE* jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/62/KE** fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni;

(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 prodotti f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni;

(c) żrieragħ tal-qanneb għajr għaż-żrigħ, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1207 99 91 imkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni;

(d) il-partijiet l-oħra kollha tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 imkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ tal-varjetajiet ta' konservazzjoni.

Or. it

Emenda 1234
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni ***jekk jitkabbru*** minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli ***li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 %*** u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni ***dment li jinkisbu*** minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1235
Jérémy Decerle, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni ***bħala "qanneb industrijali"*** jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1236
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1237
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,5*** % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meqjus meħtieġ li l-limitu tat-tetraidrokannabinol (THC) jiġi restawrat għal 0,5 %, sabiex jallinja mas-swieq internazzjonali, inaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, u jsaħħaħ il-kompetittività tas-settur industrijali Ewropew tal-qanneb.

Emenda 1238
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu prodotti fl-Unjoni jekk jitkabbru minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,5*** % u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol fir-razza tal-kannabis Cannabis Sativa L. jiżdied minn 0,3 % għal 0,5 %. Skont il-kundizzjonijiet tat-temp, il-kontenut tat-THC tal-kampjuni individwali tal-qanneb meħuda għall-ittestjar jista' jvarja b'mod sinifikanti mill-kontenut medju tat-THC għal varjetà partikolari, u ż-żieda fil-livell tat-THC se tippermetti lill-bdiewa ma jibżgħux ikabbru l-qanneb minħabba l-possibbiltà li jinqabeż il-livell ta' 0,3 % ta' THC f'kampjuni individwali.

Emenda 1239
Charles Goerens, Asger Christensen, Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 147b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
tal-produttur waħda għal kwalunkwe prodott partikolari tal-impriża, madanakollu l-Istati Membri jistgħu jidderogaw ***minn din il-kundizzjoni*** f'każijiet debitament iġġustifikati fejn il-produttur msieħba jkollhom żewġ unitajiet ta' produzzjoni distinti li jinstabu f'żoni ġeografiċi differenti;	produttur waħda biss għal kwalunkwe prodott partikolari tal-impriża, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw ***mir-rekwiżit fil-punt (b)*** f'każijiet debitament iġġustifikati fejn il-produttur msieħba jkollhom żewġ unitajiet ta' produzzjoni distinti li jinstabu f'żoni ġeografiċi differenti***, jew meta kwalunkwe prodott partikolari jirreferi għal prodotti, għajr il-prodotti elenkati fil-Partijiet IX u X tal-Anness I, distinti biżżejjed b'mod partikolari abbażi tal-karatteristiċi jew tal-użi finali maħsuba tagħhom.***
(c) jagħtu l-informazzjoni mitluba mill-organizzazzjoni tal-produttur għal skopijiet ta' statistika.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li wieħed ikun membru ta' żewġ Organizzazzjonijiet tal-Produtturi differenti għall-istess prodott għandha tkun strettament limitata u fi kwalunkwe każ mhux applikabbli għall-frott u l-ħxejjex, biex jiġi evitat li jiġu mminati t-tisħiħ u s-setgħa ta' negozjar tagħhom.

Emenda 1284
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(20b) fl-Artikolu 153, il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produttur fir-rigward tar-rappurtar ta' produzzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent;	***"***japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produttur fir-rigward tar-rappurtar ta' produzzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent***, is-saħħa okkupazzjonali u s-sikurezza u r-regoli kontra l-isfruttament tal-ħaddiema***;

”

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Emenda 1285
Cristina Guarda
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(19a) fl-Artikolu 153, il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
1. L-Istati Membri jistgħu fuq talba jirrikonoxxu, meta jintalbu, organizzazzjonijiet ta’ produtturi, li:	***“***1. L-Istati Membri jistgħu fuq talba jirrikonoxxu, meta jintalbu, organizzazzjonijiet ta’ produtturi, li:
(a) ikunu magħmulin ***u kkontrollati f’konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 153(2),*** minn produtturi ***f’settur speċifiku elenkat*** fl-Artikolu 1(2);	(a) ikunu magħmulin minn produtturi ***f’settur wieħed jew f’diversi setturi elenkati*** fl-Artikolu 1(2) ***jew minn produtturi ta’ prodotti organiċi, kif definiti fir-Regolament 2018/848, f’settur wieħed jew f’diversi setturi elenkati fl-Artikolu 1(2), u jkunu kkontrollati minn membri bdiewa, f’konformità mal-Artikolu 153(2), il-punt (c)***;
	”

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan (biss) li tiċċara li l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi speċifiċi għas-settur organiku jistgħu jiġu kostitwiti u rikonoxxuti, kif kien maħsub mill-proposta tal-Kummissjoni dwar l-OKS li tmur lura għall-2024. (NB; Il-possibbiltà għall-OP li jkopru “diversi” setturi diġà ġiet introdotta fir-riforma tal-OKS li ttieħed vota dwarha f’Ġunju 2026, iżda għadha ma ddaħħlitx fil-verżjoni konsolidata online. Mhijiex l-intenzjoni tal-emenda li tbiddel dan l-aspett ta’ “settur wieħed jew aktar”, it-test għandu biss l-intenzjoni li jirrifletti din il-bidla aktar reċenti u li jintroduċi bħala ġdid l-element li jappartjeni għas-settur organiku biss.

Emenda 1286
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 153(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(b) ikunu membri biss ta' organizzazzjoni tal-produtturi waħda għal kwalunkwe prodott partikolari tal-impriża, madanakollu l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din il-kundizzjoni f'każijiet debitament iġġustifikati fejn il-produtturi msieħba jkollhom żewġ unitajiet ta' produzzjoni distinti li jinstabu f'żoni ġeografiċi differenti;	(b) ikunu membri biss ta' organizzazzjoni tal-produtturi waħda għal kwalunkwe prodott partikolari tal-impriża, ***bl-eċċezzjoni tas-settur tal-patata u tas-settur imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (l), li fih produttur jista' jkun membru ta' aktar minn organizzazzjoni tal-produtturi waħda;*** madanakollu l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din il-kundizzjoni f'każijiet debitament iġġustifikati fejn il-produtturi msieħba jkollhom żewġ unitajiet ta' produzzjoni distinti li jinstabu f'żoni ġeografiċi differenti;

Or. fr

Emenda 1287
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	l-Artikolu 153, il-paragrafu 1, l-ittra (a) hija emendata kif ġej:
(a) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi fir-rigward tar-rappurtar ta' produzzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-	(a) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi fir-rigward tar-rappurtar ta' produzzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-

protezzjoni tal-ambjent;	protezzjoni tal-ambjent, ***u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-infurzar tal-obbligi tal-impjegaturi kif ukoll ir-rekwiżiti okkupazzjonali f'konformità mal-ANNESS I, il-Parti B tar-Regolament dwar il-PAK***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda sempliċiment iżżid it-tieni parti dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-infurzar tal-obbligi tal-impjegaturi kif ukoll ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali mat-test oriġinali tar-Regolament.

Emenda 1288
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1 – punt b – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) L-Artikolu 152 huwa emendat kif ġej:
	(b) fis-subparagrafu (c) tal-paragrafu 1 jiżdiedu l-punti (iia) u (iib) :
	"
	(iia) it-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-produtturi fil-katina tal-provvista agrikola, inkluż permezz ta' negozjar kollettiv dwar kuntratti, prezzijiet, volumi, skedi ta' konsenja, klawżoli ta' rieżami u termini ta' pagament;
	(iib) il-kontribut għal introjtu ġust, stabbli u prevedibbli għall-membri produtturi, kif ukoll għal tqassim aktar bilanċjat tal-valur bejn il-ħoloq differenti tal-katina tal-provvista;
	"

Or. fr

Emenda 1289
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1 – punt b – punt viia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) L-Artikolu 152 huwa emendat kif ġej:
	(a) fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1 jiżdiedu l-punti (viia) u (viib) :
	“
	(viia) l-organizzazzjoni konġunta ta’ servizzi mmirati lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tar-riskji klimatiċi, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll il-produzzjoni, l-awtokonsum, il-ħżin jew ix-xiri konġunt ta’ enerġija rinnovabbli, meta tali attivitajiet ikunu relatati direttament mal-produzzjoni, mal-ħżin, mal-ipproċessar jew mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-membri;
	(viib) l-implimentazzjoni konġunta ta’ għodod ta’ kejl, ta’ kontabbiltà, ta’ informazzjoni u ta’ gwida biex fid-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu integrati l-kostijiet tal-produzzjoni, ir-riskji klimatiċi, id-dipendenzi enerġetiċi u l-preżervazzjoni u t-tiġdid tal-kapital ekonomiku, naturali u uman meħtieġ għall-kontinwità tal-attività agrikola.
	”

Or. fr

Emenda 1290
Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 153, il-paragrafu (2), tiżdied l-ittra (g) li ġejja:
	(g) responsabbiltà in solidum għal ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema msemmija fl-Anness I, il-Parti B tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jkun attribwibbli lill-membri tagħhom.

Or. en

Emenda 1291
Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 153 jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:
	4. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw, jimmitigaw u jirrimedjaw il-ksur imsemmi fil-paragrafu 2, l-ittra (g), inkluż permezz ta' miżuri effettivi ta' monitoraġġ u verifika. L-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-konformità ma għandhomx jaffettwaw, jillimitaw, jew jeżentaw lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi mir-responsabbiltà in solidum tagħhom marbuta ma' ksur tal-Kundizzjonalità Soċjali mill-membri tagħhom.

Or. en

Emenda 1292
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) L-Artikolu 153(2), il-punt (b), huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"
(b) l-impożizzjoni fuq il-membri ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa sabiex tiġi ffinanzjata l-organizzazzjoni tal-produtturi;	(b) l-impożizzjoni fuq il-membri ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa sabiex tiġi ffinanzjata l-organizzazzjoni tal-produtturi***, b'mod partikolari, meta jkun xieraq, sabiex jiġu ffinanzjati l-programm operazzjonali jew il-programmi operazzjonali li l-organizzazzjoni tal-produtturi tirċievi finanzjament pubbliku għalihom;***
	"

Or. fr

Emenda 1293
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) L-Artikolu 153(2), il-punt (c), huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"
(c) regoli li jippermettu lill-membri li huma produtturi jeżaminaw bir-reqqa u b'mod demokratiku l-organizzazzjoni tagħhom ***u d-deċiżjonijiet*** tagħha ***kif ukoll*** il-kontijiet	(c) regoli li jippermettu lill-membri li huma produtturi jeżaminaw bir-reqqa u b'mod demokratiku ***u effettiv*** l-organizzazzjoni tagħhom***, id-deċiżjonijiet*** tagħha***,*** il-

u l-baġits tagħha;	kontijiet u l-baġits tagħha***, kif ukoll il-linji gwida strateġiċi tagħha***;
	”

Or. fr

Emenda 1294
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) Fl-Artikolu 153(2), jiżdied dan li ġej:
	“
	(g) l-obbligu għall-korpi ta’ ġestjoni li jipprovdu lill-membri produtturi fuq bażi regolari l-informazzjoni meħtieġa biex jivvalutaw l-azzjoni tagħhom, b’mod partikolari dwar il-volumi kkummerċjalizzati, il-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq, il-prezzijiet jew il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-prezzijiet miksuba, il-kostijiet operatorji, l-użu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, l-investimenti magħmula, is-servizzi pprovduti lill-membri u l-ilħuq tal-objettivi segwiti mill-organizzazzjoni;
	(h) l-arranġamenti għall-organizzazzjoni ta’ deliberazzjoni regolari mill-membri produtturi dwar il-linji gwida strateġiċi tal-organizzazzjoni;
	(i) ir-regoli għall-prevenzjoni, għad-dikjarazzjoni u għall-indirizzar tal-kunflitti ta’ interess kif ukoll sitwazzjonijiet ta’ dipendenza żejda li jistgħu jaffettwaw l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjoni tal-produtturi;
	(j) il-garanziji li jippermettu lill-membri

produtturi jipparteċipaw b'mod effettiv u bilanċjat fid-deċiżjonijiet tal-organizzazzjoni.

"

Or. fr

Emenda 1295
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 154 – paragrafu 1 – punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(20a) Fl-Artikolu 154, il-paragrafu (1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(b) ikollha numru minimu ta' membri u/jew tkopri volum jew valur minimu ta' produzzjoni kummerċjali, li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, fil-qasam li topera fih; tali dispożizzjonijiet ma għandhomx jipprevjenu r-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma ddedikati għal produzzjoni fuq skala żgħira***;***	***"2(b)*** ikollha numru minimu ta' membri u/jew tkopri volum jew valur minimu ta' produzzjoni kummerċjali, li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, fil-qasam li topera fih; tali dispożizzjonijiet ma għandhomx jipprevjenu r-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma ddedikati għal produzzjoni fuq skala żgħira ***jew organizzazzjonijiet tal-produtturi għal diversi prodotti magħmula minn produtturi organiċi skont ir-Regolament 848/2018***
	"

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Emenda 1296
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 154 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3a) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini ***għandhom*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 152. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	(3a) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini ***jistgħu*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 152. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Or. pt

Emenda 1297
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 154 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini ***għandhom*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala	3a. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini ***jistgħu*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala

organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 152. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 152. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Or. en

Emenda 1298
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 154 – paragrafu 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3b. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi li ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar miżjuda skont il-punt VIII tal-Anness I għas-settur tal-kittien u l-qanneb ***għandhom*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 152. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi	3b. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi li ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar miżjuda skont il-punt VIII tal-Anness I għas-settur tal-kittien u l-qanneb ***jistgħu*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 152. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi

kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].;	kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].;

Or. en

Emenda 1299
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 157 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-Artikolu 157(1) huwa emendat kif ġej:
	“
L-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jirrikonoxxu organizzazzjonijiet interprofessjonali fil-livelli nazzjonali u reġjonali u fil-livell taż-żoni ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 164(2) f'settur speċifiku ***elenkat*** fl-Artikolu 1(2) li:	L-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jirrikonoxxu organizzazzjonijiet interprofessjonali fil-livelli nazzjonali u reġjonali u fil-livell taż-żoni ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 164(2) f'settur speċifiku ***jew f'bosta setturi elenkati*** fl-Artikolu 1(2) li:
	”

Or. fr

Emenda 1300
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 157 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(20a) L-Artikolu 157(1) huwa emendat kif ġej:

Artikolu 157 Organizzazzjonijiet interprofessjonali	**“**Artikolu 157 Organizzazzjonijiet interprofessjonali
1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu, meta jintalbu, organizzazzjonijiet interprofessjonali f’settur speċifiku minn dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) li:	1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu, meta jintalbu, organizzazzjonijiet interprofessjonali f’settur speċifiku minn dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) ***u fis-settur tal-qoton*** li:
(a) huma magħmulin minn rappreżentanti ta’ attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-produzzjoni u għall-inqas ma’ waħda mill-istadji tal-katina tal-provvista li ġejjin: l-ipproċessar ta’ prodotti jew in-negozjati tagħhom, inkluż id-distribuzzjoni tagħhom, f’settur wieħed jew aktar;	(a) huma magħmulin minn rappreżentanti ta’ attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-produzzjoni u għall-inqas ma’ waħda mill-istadji tal-katina tal-provvista li ġejjin: l-ipproċessar ta’ prodotti jew in-negozjati tagħhom, inkluż id-distribuzzjoni tagħhom, f’settur wieħed jew aktar;
(b) ikunu ffurmati fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet kollha jew ta’ xi wħud minnhom li jikkostitwuhom; (c) isegwu għan speċifiku filwaqt li jqisu l-interessi tal-membri tagħhom u dawk tal-konsumaturi, li jista’ jinkludi, b’mod partikolari, wieħed mill-objettivi li ġejjin:	(b) ikunu ffurmati fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet kollha jew ta’ xi wħud minnhom li jikkostitwuhom; (c) isegwu għan speċifiku filwaqt li jqisu l-interessi tal-membri tagħhom u dawk tal-konsumaturi, li jista’ jinkludi, b’mod partikolari, wieħed mill-objettivi li ġejjin:
(i) jittejbu l-għarfien u t-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq, li jinkludi l-pubblikazzjoni ta’ data ta’ statistika aggregata dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-prezzijiet, inkluż, fejn adatt, ma’ indiċi relatati mal-prezz, il-volumi u t-tul ta’ żmien tal-kuntratti li jkunu ġew konklużi qabel, u billi tiġi pprovduta analiżi tal-iżviluppi potenzjali fis-suq għall-ġejjieni fuq livell reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali;	(i) jittejbu l-għarfien u t-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq, li jinkludi l-pubblikazzjoni ta’ data ta’ statistika aggregata dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-prezzijiet, inkluż, fejn adatt, ma’ indiċi relatati mal-prezz, il-volumi u t-tul ta’ żmien tal-kuntratti li jkunu ġew konklużi qabel, u billi tiġi pprovduta analiżi tal-iżviluppi potenzjali fis-suq għall-ġejjieni fuq livell reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali;
(ii) il-previżjoni ta’ potenzjal tal-produzzjoni, u rreġistrar ta’ prezzijiet pubbliċi tas-suq;	(ii) il-previżjoni ta’ potenzjal tal-produzzjoni, u rreġistrar ta’ prezzijiet pubbliċi tas-suq;
(iii) l-għoti ta’ għajnuna għall-koordinazzjoni aħjar tal-mod kif il-prodotti jitqiegħdu fis-suq, b’mod partikolari permezz ta’ riċerka u studji dwar is-suq;	(iii) l-għoti ta’ għajnuna għall-koordinazzjoni aħjar tal-mod kif il-prodotti jitqiegħdu fis-suq, b’mod partikolari permezz ta’ riċerka u studji dwar is-suq;
(iv) l-esplorazzjoni ta’ swieq potenzjali għall-esportazzjoni;	(iv) l-esplorazzjoni ta’ swieq potenzjali għall-esportazzjoni;
(v) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 148 u 168, it-tfassil ta’ forom standard ta’ kuntratti kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni	(v) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 148 u 168, it-tfassil ta’ forom standard ta’ kuntratti kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni

għall-bejgħ ta’ prodotti agrikoli lil xerrejja u/jew il-provvista ta’ prodotti pproċessati lil distributuri u bejjiegħa bl-imnut, waqt li jitqies il-bżonn li jintlaħqu kundizzjonijiet kompetittivi ġusti u li jkunu evitati d-distorsjonijiet fis-suq;

(vi) l-isfruttar b’mod aktar estiż tal-potenzjal tal-prodotti, inkluż fil-livell ta’ ħwienet tas-suq, u l-iżvilupp ta’ inizjattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-innovazzjoni;

(vii) l-għoti tal-informazzjoni u t-twettiq tar-riċerka meħtieġa biex il-produzzjoni, u jekk ikun il-każ għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, tiġi innovata, irrazzjonalizzata, imtejba u aġġustata biex il-prodotti jkunu aktar adatti għall-esiġenzi tas-suq u għall-gosti u l-aspettattivi tal-konsumatur, b’mod partikolari fir-rigward tal-kwalità tal-prodott, inkluż il-karatteristiċi speċifiċi ta’ prodotti li jkollhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, u l-protezzjoni tal-ambjent;

(viii) ir-riċerka ta’ metodi kif jista’ jiġi ristrett l-użu ta’ prodotti għas-saħħa tal-annimali u l-protezzjoni tal-pjanti, jiġu amministrati aħjar prodotti oħra, li jiġu żgurati l-kwalità tal-prodott u l-konservazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma, tiġi promossa s-sikurezza tal-ikel, b’mod partikolari permezz tat-traċċabilità tal-prodotti, u tittejjeb is-saħħa u l-benesseri tal-annimali;

(ix) l-iżvilupp ta’ metodi u strumenti biex titjieb il-kwalità tal-prodott fl-istadji kollha tal-produzzjoni u, fejn applikabbli, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni;

(x) it-teħid tal-azzjonijiet kollha possibbli għall-ħarsien, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-biedja organika u d-denominazzjonijiet ta’ oriġini, it-tikketti tal-kwalità u l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(xi) il-promozzjoni ta’ produzzjoni integrata u sostenibbli jew ta’ metodi ta’ produzzjoni li tirrispetta l-ambjent u li ssir

għall-bejgħ ta’ prodotti agrikoli lil xerrejja u/jew il-provvista ta’ prodotti pproċessati lil distributuri u bejjiegħa bl-imnut, waqt li jitqies il-bżonn li jintlaħqu kundizzjonijiet kompetittivi ġusti u li jkunu evitati d-distorsjonijiet fis-suq;

(vi) l-isfruttar b’mod aktar estiż tal-potenzjal tal-prodotti, inkluż fil-livell ta’ ħwienet tas-suq, u l-iżvilupp ta’ inizjattivi li jsaħħu l-kompetittività ekonomika u l-innovazzjoni;

(vii) l-għoti tal-informazzjoni u t-twettiq tar-riċerka meħtieġa biex il-produzzjoni, u jekk ikun il-każ għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, tiġi innovata, irrazzjonalizzata, imtejba u aġġustata biex il-prodotti jkunu aktar adatti għall-esiġenzi tas-suq u għall-gosti u l-aspettattivi tal-konsumatur, b’mod partikolari fir-rigward tal-kwalità tal-prodott, inkluż il-karatteristiċi speċifiċi ta’ prodotti li jkollhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, u l-protezzjoni tal-ambjent;

(viii) ir-riċerka ta’ metodi kif jista’ jiġi ristrett l-użu ta’ prodotti għas-saħħa tal-annimali u l-protezzjoni tal-pjanti, jiġu amministrati aħjar prodotti oħra, li jiġu żgurati l-kwalità tal-prodott u l-konservazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma, tiġi promossa s-sikurezza tal-ikel, b’mod partikolari permezz tat-traċċabilità tal-prodotti, u tittejjeb is-saħħa u l-benesseri tal-annimali;

(ix) l-iżvilupp ta’ metodi u strumenti biex titjieb il-kwalità tal-prodott fl-istadji kollha tal-produzzjoni u, fejn applikabbli, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni;

(x) it-teħid tal-azzjonijiet kollha possibbli għall-ħarsien, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-biedja organika u d-denominazzjonijiet ta’ oriġini, it-tikketti tal-kwalità u l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(xi) il-promozzjoni ta’ produzzjoni integrata u sostenibbli jew ta’ metodi ta’ produzzjoni li tirrispetta l-ambjent u li ssir

riċerka dwarhom;	riċerka dwarhom;
(xii) l-inkoraġġiment għal konsum san u responsabbli tal-prodotti fis-suq intern; u/jew l-informazzjoni dwar il-ħsara marbuta ma' tendenzi ta' konsum perikoluż;	(xii) l-inkoraġġiment għal konsum san u responsabbli tal-prodotti fis-suq intern; u/jew l-informazzjoni dwar il-ħsara marbuta ma' tendenzi ta' konsum perikoluż;
(xiii) il-promozzjoni ta' konsum u/jew l-għoti ta' informazzjoni dwar prodotti fis-suq intern u fis-swieq esterni;	(xiii) il-promozzjoni ta' konsum u/jew l-għoti ta' informazzjoni dwar prodotti fis-suq intern u fis-swieq esterni;
(xiv) il-kontribut għall-ġestjoni ta' prodotti sekondarji u t-tnaqqis u l-ġestjoni tal-iskart;	(xiv) il-kontribut għall-ġestjoni ta' prodotti sekondarji u t-tnaqqis u l-ġestjoni tal-iskart;
	”

Or. fr

(Ir-Regolament 1308/2013)

Emenda 1301
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 157 — paragrafu 1 — parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(21a) Fl-Artikolu 157(1), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
L-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jirrikonoxxu organizzazzjonijiet interprofessjonali fil-livelli nazzjonali u reġjonali u fil-livell taż-żoni ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 164(2) f'settur speċifiku elenkat fl-Artikolu 1(2) li:	***“”***L-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jirrikonoxxu organizzazzjonijiet interprofessjonali fil-livelli nazzjonali u reġjonali u fil-livell taż-żoni ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 164(2) f'settur speċifiku elenkat fl-Artikolu 1(2) ***jew fis-settur tal-qoton,*** li***:”.***
	”

Or. es

(32013R1308)

Emenda 1302
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 158 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. L-organizzazzjonijiet interprofessjonali li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini ***għandhom*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali skont l-Artikolu 157. Dawk l-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet interprofessjonali ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	3a. L-organizzazzjonijiet interprofessjonali li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini ***jistgħu*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali skont l-Artikolu 157. Dawk l-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet interprofessjonali ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Or. en

Emenda 1303
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 158 – paragrafu 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3b. L-organizzazzjonijiet	3b. L-organizzazzjonijiet

interprofessjonali li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar miżjuda skont il-punt VIII tal-Anness I għas-settur tal-kittien u l-qanneb ***għandhom*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali skont l-Artikolu 157. Dawk l-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	interprofessjonali li jkunu ġew rikonoxxuti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal prodott wieħed jew aktar miżjuda skont il-punt VIII tal-Anness I għas-settur tal-kittien u l-qanneb ***jistgħu*** jitqiesu li huma rikonoxxuti f'dak is-settur bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali skont l-Artikolu 157. Dawk l-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandhom ukoll iżommu r-rikonoxximent tagħhom għal prodotti oħra rikonoxxuti taħt setturi oħra. Madankollu, meta dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal settur wieħed jew aktar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom għas-setturi kkonċernati mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 20XX mill-inqas sentejn sħaħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Or. en

Emenda 1304
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 159 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) l-Artikolu 159 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) fil-punt (a), jiżdied il-punt li ġej:	
“	
(v) is-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini;	
”	

Or. en

Emenda 1305
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 159 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) l-Artikolu 159 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"	
(b) organizzazzjonijiet interprofessjonali fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u s-settur tat-tabakk.;	
"	

Or. en

Emenda 1306
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 159 – paragrafu 1 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) is-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontra r-rikonoxximent obbligatorju ta' OP ġodda f'dan is-settur minħabba li huwa settur kumpless b'firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' prodotti.

Emenda 1307
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) is-settur taċ-ċereali

Or. en

Emenda 1308
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 159 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) organizzazzjonijiet interprofessjonali fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u s-settur tat-tabakk.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontra r-rikonoxximent obbligatorju ta' OP ġodda f'dan is-settur minħabba li huwa settur kumpless b'firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' prodotti.

Emenda 1309
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 159 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) organizzazzjonijiet interprofessjonali fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u s-settur tat-tabakk.;	(b) organizzazzjonijiet interprofessjonali fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u s-settur tat-tabakk u ***s-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini, b'attenzjoni partikolari lill-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u taż-żoni rurali u lit-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur awtonomi***.;

Or. en

Emenda 1310
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 164 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) L-Artikolu 164(1) huwa emendat kif ġej:
	"
	1. F'każijiet fejn organizzazzjoni rikonoxxuta ta' produtturi, assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew grupp rikonoxxut ta' produtturi f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta li topera f'żona ekonomika speċifika jew f'żoni speċifiċi ta' Stat Membru titqies li tkun tirrappreżenta l-produzzjoni jew il-kummerċ jew l-ipproċessar ta' prodott jew ta' bosta prodotti partikolari, l-Istat Membru kkonċernat jista', fuq talba ta' dik l-organizzazzjoni, jagħmel obbligatorji għal perjodu limitat xi whud mill-ftehimiet, id-deċiżjonijiet jew il-prattiki miftiehma li

kien hemm qbil dwarhom f'dik l-organizzazzjoni għal operaturi oħra li jaġixxu fid-distrett ekonomiku jew fid-distretti ekonomiċi inkwistjoni, sew bħala individwi jew bħala gruppi, u li ma jkunux jappartjenu għal dik l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni.
"

Or. fr

Emenda 1311
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 165

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) l-Artikolu 165 huwa sostitwit kif ġej:
	"
Artikolu 165	Artikolu 165
Kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' dawk mhux membri	Kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' dawk mhux membri
Fejn regoli ta' organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, ta' assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew ta' organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta jiġu estiżi skont l-Artikolu 164 u l-attivitajiet koperti minn dawk ir-regoli jkunu fl-interess ekonomiku ġenerali ta' operaturi ekonomiċi li l-attivitajiet tagħhom ikunu relatati mal-prodotti konċernati, l-Istat Membru li jkun ta rikonoxximent jista' jiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, li operaturi ekonomiċi individwali jew gruppi li ma jkunux membri tal-organizzazzjoni iżda li jibbenefikaw minn dawk l-attivitajiet għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha, jew	Fejn regoli ta' organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, ta' assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi***, ta' grupp ta' produtturi msemmi fl-Artikolu 32 jew 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143*** jew ta' organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta jiġu estiżi skont l-Artikolu 164 u l-attivitajiet koperti minn dawk ir-regoli jkunu fl-interess ekonomiku ġenerali ta' operaturi ekonomiċi li l-attivitajiet tagħhom ikunu relatati mal-prodotti konċernati, l-Istat Membru li jkun ta rikonoxximent jista' jiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, li operaturi ekonomiċi individwali jew gruppi li ma jkunux membri tal-organizzazzjoni iżda li

parti minnhom, imħallsa mill-membri tagħha sakemm tali kontribuzzjonijiet ikunu maħsuba biex ikopru spejjeż imġarrba direttament biex ikunu segwiti l-attivitajiet inkwistjoni. Kwalunkwe organizzazzjoni li tirċievi kontribuzzjonijiet minn dawk li mhumiex membri skont dan l-Artikolu, jekk mitluba minn membru jew mhux membru li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni, għandha tagħmel disponibbli dawk il-partijiet tal-baġit annwali tagħha li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 164(4).	jibbenefikaw minn dawk l-attivitajiet għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha, jew parti minnhom, imħallsa mill-membri tagħha sakemm tali kontribuzzjonijiet ikunu maħsuba biex ikopru spejjeż imġarrba direttament biex ikunu segwiti l-attivitajiet inkwistjoni. Kwalunkwe organizzazzjoni li tirċievi kontribuzzjonijiet minn dawk li mhumiex membri skont dan l-Artikolu, jekk mitluba minn membru jew mhux membru li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni, għandha tagħmel disponibbli dawk il-partijiet tal-baġit annwali tagħha li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 164(4). **”**

Or. en

Emenda 1312
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 165 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fil-każ ta' kontribuzzjonijiet mitluba minn operaturi ekonomiċi individwali jew gruppi li joperaw skont ir-Regolament 848/2018 li mhumiex membri tal-organizzazzjoni, kwalunkwe organizzazzjoni li tirċievi kontribuzzjonijiet skont dan l-Artikolu għandha tipprovdi ġustifikazzjoni tal-benefiċċji ta' dawk l-attivitajiet li jitwettqu speċifikament għall-operaturi organiċi. **”**

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Ġustifikazzjoni

Organizzazzjoni li titlob kontribuzzjonijiet mingħand produtturi organiċi li mhumiex membri għandha tiġġustifika kif l-attivitajiet tal-organizzazzjoni rikonoxxuta qed jipprovdu benefiċċji wkoll lil dawk il-produtturi organiċi li mhumiex membri, peress li qed jitolbu kontribuzzjonijiet fuq dik il-bażi.

Emenda 1313
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 165

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(22a) l-Artikolu 165 huwa emendat kif ġej:
Fejn regoli ta' organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, ta' assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew ta' organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta jiġu estiżi skont l-Artikolu 164 u l-attivitajiet koperti minn dawk ir-regoli jkunu fl-interess ekonomiku ġenerali ta' operaturi ekonomiċi li l-attivitajiet tagħhom ikunu relatati mal-prodotti konċernati, l-Istat Membru li jkun ta rikonoxximent jista' jiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, li operaturi ekonomiċi individwali jew gruppi li ma jkunux membri tal-organizzazzjoni iżda li jibbenefikaw minn dawk l-attivitajiet għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha, jew parti minnhom, imħallsa mill-membri tagħha sakemm tali kontribuzzjonijiet ikunu maħsuba biex ikopru spejjeż imġarrba direttament biex ikunu segwiti l-attivitajiet inkwistjoni. Kwalunkwe organizzazzjoni li tirċievi kontribuzzjonijiet minn dawk li mhumiex membri skont dan l-Artikolu, jekk mitluba	**"**Fejn regoli ta' organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, ta' assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi***, ta' grupp ta' produtturi msemmi fl-Artikolu 32 jew 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143*** jew ta' organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta jiġu estiżi skont l-Artikolu 164 u l-attivitajiet koperti minn dawk ir-regoli jkunu fl-interess ekonomiku ġenerali ta' operaturi ekonomiċi li l-attivitajiet tagħhom ikunu relatati mal-prodotti konċernati, l-Istat Membru li jkun ta rikonoxximent jista' jiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, li operaturi ekonomiċi individwali jew gruppi li ma jkunux membri tal-organizzazzjoni iżda li jibbenefikaw minn dawk l-attivitajiet għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha, jew parti minnhom, imħallsa mill-membri tagħha sakemm tali kontribuzzjonijiet ikunu maħsuba biex ikopru spejjeż imġarrba direttament biex ikunu segwiti l-attivitajiet inkwistjoni. Kwalunkwe

minn membru jew mhux membru li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni, għandha tagħmel disponibbli dawk il-partijiet tal-baġit annwali tagħha li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 164(4).	organizzazzjoni li tirċievi kontribuzzjonijiet minn dawk li mhumiex membri skont dan l-Artikolu, jekk mitluba minn membru jew mhux membru li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni, għandha tagħmel disponibbli dawk il-partijiet tal-baġit annwali tagħha li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 164(4). ***"***

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1314
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) l-Artikolu 166a huwa emendat kif ġej:
	a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bit-test li ġej:
	"
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 167 u 167a ta' dan ir-Regolament, fuq talba ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 152(1) jew 161 (1) ta' dan ir-Regolament, organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta skont l-Artikolu 157(1) ta' dan ir-Regolament, grupp ta' produtturi kif imsemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew grupp ta' produtturi rikonoxxut kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, għal perjodu ta' żmien limitat, regoli vinkolanti għar-	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 167 u 167a ta' dan ir-Regolament, fuq talba ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 152(1) jew 161 (1) ta' dan ir-Regolament, organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta skont l-Artikolu 157(1) ta' dan ir-Regolament, grupp ta' produtturi kif imsemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew grupp ta' produtturi rikonoxxut kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, għal perjodu ta' żmien limitat, regoli vinkolanti għar-

regolamentazzjoni tal-provvista ta' prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament li jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta skont l-Artikolu 46(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 jew skont l-Artikolu 93(1), il-punti (a) u (b), ta' dan ir-Regolament.	regolamentazzjoni tal-provvista ta' prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament li jibbenefikaw minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta skont l-Artikolu 46(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 jew skont l-Artikolu 93(1), il-punti (a) u (b), ta' dan ir-Regolament. ***Ir-regoli vinkolanti għar-regolamentazzjoni tal-provvista jistgħu japplikaw ukoll għal prodott agrikolu pproċessat fi prodott li jibbenefika minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew minn indikazzjoni ġeografika protetta.***
Meta jkun jeżisti grupp ta' produtturi rikonoxxut imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-grupp ta' produtturi msemmi fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament ma għandux ikollu dak id-dritt.	Meta jkun jeżisti grupp ta' produtturi rikonoxxut imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-grupp ta' produtturi msemmi fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament ma għandux ikollu dak id-dritt.

Or. en

Emenda 1315
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) l-Artikolu 166a huwa emendat kif ġej:
	a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit bit-test li ġej:
	“
2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ***ikunu soġġetti għall-eżistenza ta' ftehim minn qabel li għandu jiġi konkluż bejn mill-inqas żewġ terzi tal-produtturi tal-prodott kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-***	2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ***jitqiesu li huma stabbiliti ħlief jekk ikunu opposti minn minoranza li timblokka fi żmien xahar min-notifika mill-grupp ta' produtturi tar-***

Artikolu jew tar-rappreżentanti tagħhom, li jammonta għal mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni ta' dak il-prodott fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 93(1), punti (a)(iii) u (b)(iv) ta' dan ir-Regolament għall-inbid.	***regoli proposti.***
	Minoranza li timblokka għandha tikkonsisti minn tal-inqas terz tal-produtturi tal-prodott kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw terz tal-produzzjoni ta' dak il-prodott fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 93(1), il-punti (a)(iii) u (b)(iv) ta' dan ir-Regolament għall-inbid.
Fejn il-produzzjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tinvolvi pproċessar u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 94(2) ta' dan ir-Regolament tirrestrinġi l-akkwist tal-materja prima għal żona ġeografika speċifika, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu, għall-finijiet tar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:	Fejn il-produzzjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tinvolvi pproċessar u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 94(2) ta' dan ir-Regolament tirrestrinġi l-akkwist tal-materja prima għal żona ġeografika speċifika, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu, għall-finijiet tar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:
(a) li l-produtturi ta' dik il-materja prima fiż-żona ġeografika speċifika jiġu kkonsultati qabel il-konklużjoni tal-ftehim imsemmi f'dan il-paragrafu; jew	(a) li l-produtturi ta' dik il-materja prima fiż-żona ġeografika speċifika jiġu kkonsultati qabel il-konklużjoni tal-ftehim imsemmi f'dan il-paragrafu; jew
(b) li mill-inqas żewġ terzi tal-produtturi tal-materja prima jew tar-rappreżentanti tagħhom, li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni tal-materja prima użata fl-ipproċessar fiż-żona ġeografika speċifika, ikunu wkoll partijiet għall-ftehim imsemmi f'dan il-paragrafu.	(b) li mill-inqas żewġ terzi tal-produtturi tal-materja prima jew tar-rappreżentanti tagħhom, li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni tal-materja prima użata fl-ipproċessar fiż-żona ġeografika speċifika, ikunu wkoll partijiet għall-ftehim imsemmi f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 1316
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ***ikunu soġġetti għall-eżistenza ta' ftehim minn qabel li għandu jiġi konkluż bejn mill-inqas żewġ terzi*** tal-produtturi tal-prodott kif imsemmi fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** jew tar-rappreżentanti tagħhom***,*** li ***jammonta għal*** mill-inqas ***żewġ terzi*** tal-produzzjoni ta' dak il-prodott fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 93(1), punti (a)(iii) u (b)(iv) ta' dan ir-Regolament għall-inbid. Fejn il-produzzjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tinvolvi pproċessar u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 94(2) ta' dan ir-Regolament tirrestrinġi l-akkwist tal-materja prima għal żona ġeografika speċifika, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu, għall-finijiet tar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:	2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ***jitqiesu li huma stabbiliti ħlief jekk ikunu opposti minn minoranza li timblokka fi żmien xahar min-notifika mill-grupp ta' produtturi tar-regoli proposti. Minoranza li timblokka għandha tikkonsisti f'mill-inqas terz*** tal-produtturi tal-prodott kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew tar-rappreżentanti tagħhom li ***jirrappreżentaw*** mill-inqas ***terz*** tal-produzzjoni ta' dak il-prodott fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 93(1), punti (a)(iii) u (b)(iv) ta' dan ir-Regolament għall-inbid. Fejn il-produzzjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tinvolvi pproċessar u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jew fl-Artikolu 94(2) ta' dan ir-Regolament tirrestrinġi l-akkwist tal-materja prima għal żona ġeografika speċifika, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu, għall-finijiet tar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1317
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għall-produzzjoni tal-ġobon li jibbenefika minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** għandhom ***ikunu soġġetti għall-eżistenza ta' ftehim minn qabel bejn mill-inqas żewġ terzi*** tal-produtturi tal-ħalib jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas ***żewġ terzi*** tal-ħalib mhux ipproċessat użat għall-produzzjoni ta' dak il-ġobon u, fejn rilevanti, mill-inqas ***żewġ terzi*** tal-produtturi ta' dak il-ġobon jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas ***żewġ terzi*** tal-produzzjoni ta' dak il-ġobon fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.	3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għall-produzzjoni tal-ġobon li jibbenefika minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jitqiesu li huma stabbiliti ħlief jekk ikun hemm oppożizzjoni minn minoranza li timblokka fi żmien xahar min-notifika mill-grupp ta' produtturi tar-regoli proposti. Minoranza li timblokka għandha tikkonsisti f'mill-inqas terz*** tal-produtturi tal-ħalib jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas ***terz*** tal-ħalib mhux ipproċessat użat għall-produzzjoni ta' dak il-ġobon u, fejn rilevanti, mill-inqas ***terz*** tal-produtturi ta' dak il-ġobon jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas ***terz*** tal-produzzjoni ta' dak il-ġobon fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1318
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) l-Artikolu 166a huwa emendat kif ġej:
	a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:
	"
3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għall-produzzjoni tal-ġobon li jibbenefika minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika	3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għall-produzzjoni tal-ġobon li jibbenefika minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika

protetta, ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ***ikunu soġġetti għall-eżistenza ta' ftehim minn qabel bejn mill-inqas żewġ terzi tal-produtturi tal-ħalib jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ terzi tal-ħalib mhux ipproċessat użat għall-produzzjoni ta' dak il-ġobon u, fejn rilevanti, mill-inqas żewġ terzi tal-produtturi ta' dak il-ġobon jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni ta' dak il-ġobon fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.***	protetta, ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ***jitqiesu li huma stabbiliti ħlief jekk ikun hemm oppożizzjoni minn minoranza li timblokka fi żmien xahar min-notifika mill-grupp ta' produtturi tar-regoli proposti.***
	Minoranza li timblokka għandha tikkonsisti f'mill-inqas terz tal-produtturi tal-ħalib jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas terz tal-ħalib mhux ipproċessat użat għall-produzzjoni ta' dak il-ġobon u, fejn rilevanti, mill-inqas terz tal-produtturi ta' dak il-ġobon jew tar-rappreżentanti tagħhom li jirrappreżentaw mill-inqas terz tal-produzzjoni ta' dak il-ġobon fiż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
Għall-fini tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fir-rigward tal-ġobon li jibbenefika minn indikazzjoni ġeografika protetta, iż-żona ġeografika ta' oriġini tal-ħalib mhux ipproċessat, kif stipulat fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-ġobon, għandha tkun l-istess bħaż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 relatat ma' dak il-ġobon.	Għall-fini tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fir-rigward tal-ġobon li jibbenefika minn indikazzjoni ġeografika protetta, iż-żona ġeografika ta' oriġini tal-ħalib mhux ipproċessat, kif stipulat fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-ġobon, għandha tkun l-istess bħaż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 relatat ma' dak il-ġobon.

Or. en

Emenda 1319
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) l-Artikolu 166a huwa emendat kif ġej:
	b) jiġi introdott il-paragrafu 4a ġdid:
	"4a. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu regoli proċedurali dwar l-istadju ta' oppożizzjoni msemmi fil-paragrafi 2 u 3."

Or. en

Emenda 1320
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 166a – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu regoli proċedurali dwar l-istadju ta' oppożizzjoni msemmi fil-paragrafi 2 u 3.
	"

Or. en

(02013R1308)

Emenda 1321
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 167aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, il-finanzjament komplementari tal-kostijiet mhux koperti mill-finanzjament tal-Unjoni għandu jiġi żgurat mill-Istat Membru. Mingħajr preġudizzju għall-konformità mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament SNR, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li għandha tingħata fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jimplimentaw il-miżuri għandha tkun limitata għal:
	(a) 15 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi;
	(b) 15 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi;
	(c) 15 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi tranżnazzjonali jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali. Dawn il-limiti jistgħu jiżdiedu b'0,5 punt perċentwali meta l-programm operazzjonali jinkludi intervent wieħed jew aktar relatati mat-tiġdid ġenerazzjonali, mar-riċerka u mal-innovazzjoni, mal-ġestjoni tar-riskji jew mal-ambjent jew il-klima, dment li l-ammont li jaqbeż il-perċentwal rilevanti msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) jew (c), jintuża esklużivament biex jiffinanzja n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni ta' tali interventi.
	L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2021/2115.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

The application of the fruit and vegetables model to the olive oil sector, with the shift to equal co-financing (50% EU, 50% PO), is unsustainable. Compared to the current distribution (75% EU, 12.5% Member State, 12.5% PO), the burden on producers would quadruple, discouraging participation in operational programmes. It is therefore essential to maintain the current level of support provided for under Article 65 of Regulation (EU) 2021/2115, raising the financing rate to 15% and preserving a co-financing architecture that does not penalise the competitiveness of the olive oil sector.

Emenda 1322
Benoit Cassart, Charles Goerens, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) L-Artikolu 168 huwa emendat kif ġej:
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 148 dwar is-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u tal-Artikolu 125 dwar is-settur taz-zokkor, jekk Stat Membru jiddeċidedi, fir-rigward ta' prodotti agrikoli minn settur elenkat fl-Artikolu 1(2), li mhumiex ħalib u prodotti tal-ħalib u zokkor:	***1. Il-konsenji fl-Unjoni ta' prodotti agrikoli minn settur elenkat fl-Artikolu 1(2) li mhumiex ħalib u prodotti tal-ħalib u zokkor mill-bdiewa, inklużi assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew minn organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, lil proċessuri, lil distributuri jew lil bejjiegħa bl-imnut, għandhom, jekk il-bdiewa jitolbu dan, ikunu koperti minn kuntratt bil-miktub. Meta l-bidwi jitlob kuntratt bil-miktub, il-proċessuri, il-kolletturi, id-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut għandhom ikunu obbligati jikkonkludu tali kuntratt.***
(a) li kull konsenja fit-territorju tiegħu ta' dawk il-prodotti minn produttur lil proċessur jew lil distributur, għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet; u/jew	
(b) li l-ewwel ix-xerrejja għandhom jagħmlu offerta bil-miktub għall-konsenja fit-territorju tiegħu ta' dawk il-prodotti agrikoli mill-produttur,	
dan il-kuntratt jew din l-offerta għal kuntratt għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u 6 ta' dan l-Artikolu.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minflok ma jiġi impost obbligu ġenerali li jiġi konkluż kuntratt bil-miktub obbligatorju, din id-deċiżjoni għandha tkun f'idejn il-bdiewa nfushom li għandhom ikunu jistgħu jitolbu kuntratt bil-miktub. Jekk bidwi jitlob li jkollu kuntratt bil-miktub mal-proċessuri, mal-kolletturi, mad-distributuri jew mal-bejjiegħa bl-imnut tiegħu, huwa għandu jkun obbligat jirrispondi għat-talba tal-bidwi u jikkonkludi tali kuntratt.

Emenda 1323
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(22a) L-Artikolu 172a huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 172a	"Artikolu 172a
Kondiviżjoni tal-valur	Kondiviżjoni tal-valur
Mingħajr preġudizzju ***għal kwalunkwe klawżola speċifika*** dwar il-kondiviżjoni tal-valur fis-settur taz-zokkor, il-bdiewa, inkluż assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jistgħu jaqblu mal-operaturi downstream dwar klawżoli dwar il-kondiviżjoni tal-valur, inkluż bonuses u telf tas-suq, li jiddeterminaw kif kwalunkwe ***evoluzzjoni*** tal-prezzijiet rilevanti tas-suq għall-prodotti kkonċernati jew swieq komoditarji oħra għandha tiġi allokata bejniethom.	Mingħajr preġudizzju ***għall-klawżoli speċifiċi*** dwar il-kondiviżjoni tal-valur fis-settur taz-zokkor, il-bdiewa, inkluż assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jistgħu jaqblu***, wara awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri,*** mal-operaturi downstream dwar klawżoli dwar il-kondiviżjoni tal-valur, inkluż bonuses u telf tas-suq, li jiddeterminaw kif kwalunkwe ***fluttwazzjoni eventwali*** tal-prezzijiet rilevanti tas-suq għall-prodotti kkonċernati jew ***għal*** swieq komoditarji oħra għandha tiġi allokata bejniethom. ***"***

Or. it

(02013R1308-20260318)

Emenda 1324
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) Fl-Artikolu 172a, għandu jiżdied il-paragrafu 2 li ġej:
	2. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu, f'konformità mal-Artikoli 148 u 168, li l-kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jinkludu klawżola dwar il-kondiviżjoni tal-valur kif imsemmi fil-paragrafu 1, indiċjata ma' indiċi tal-kost ta' referenza stabbilit għal dak l-għan. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu ta' dak l-indiċi tal-kost ta' referenza, abbażi tad-data miġbura mill-osservatorji tas-suq tal-Unjoni, inklużi l-kostijiet sħaħ tal-produzzjoni.

Or. en

Emenda 1325
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172b – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(22a) L-Artikolu 172b, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-	***"***1. B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, l-organizzazzjonijiet ***transsettorjali*** rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-

settur tal-inbid, meta tali organizzazzjonijiet u gruppi jkunu meqjusa rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164(3) u l-Artikolu 166a(2) ta' dan ir-Regolament rispettivament fiż-żona ġeografika rilevanti, jistgħu jipprovdu ***indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji*** tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-għeneb, il-most u l-inbejjed bl-ingrossa għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm tali ***gwida*** ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.	settur tal-inbid, meta tali organizzazzjonijiet u gruppi jkunu meqjusa rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164(3) u l-Artikolu 166a(2) ta' dan ir-Regolament rispettivament fiż-żona ġeografika rilevanti, jistgħu jipprovdu***, wara l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, indikazzjonijiet mhux vinkolanti*** tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-għeneb, il-most u l-inbejjed bl-ingrossa għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm tali ***indikazzjoni*** ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni. ***"***

Or. it

(02013R1308-20260318)

Emenda 1326
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Jiġi introdott l-Artikolu 172c kif ġej: ***"*** ***Artikolu 172c (ġdid)*** ***Gwida tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u l-gruppi ta' produtturi għall-bejgħ tal-ħalib għall-produzzjoni tal-ġobon b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta.*** ***B'deroga mill-Artikolu 101(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-organizzazzjonijiet***

interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-settur tal-ħalib, meta tali organizzazzjonijiet u gruppi jkunu meqjusa rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164(3) u l-Artikolu 166a(3), ta' dan ir-Regolament, rispettivament fiż-żona ġeografika kkonċernata, jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-ħalib għall-produzzjoni tal-ġobon b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, dment li tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

2. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi f'każijiet individwali li, fil-futur, wieħed jew aktar mill-indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jridu jiġu modifikati, jitwaqqfu jew ma jiġu pprovduti xejn jekk tqis li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi eliminata fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni jew jekk tqis li l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE huma mhedda.

Meta taġixxi taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew bla dewmien wara li tiftaħ l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet adottati bla dewmien wara li jkunu ġew adottati.

Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw aktar kmieni mid-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati.

"

Emenda 1327
Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172bb

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Jiġi stabbilit l-Artikolu 172d ġdid:
	Linji gwida tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u tal-assoċjazzjonijiet tal-produtturi rigward il-prezz tal-koxox friski tal-majjal maħsuba għall-produzzjoni tal-prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta.
	1. B'deroga mill-Artikolu 101, il-paragrafu 1, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u l-gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-settur tal-laħam tal-majjal, fejn tali organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet jitqiesu rappreżentattivi skont it-tifsira tal-Artikolu 164 u tal-Artikolu 166a, il-paragrafu 2 ta' dan ir-Regolament fiż-żona ġeografika kkonċernata, jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet mhux vinkolanti li jikkonċernaw il-koxox friski tal-majjal maħsuba għall-produzzjoni ta' prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, dment li tali indikazzjonijiet ma jeliminawx il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.
	2. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi,

f'każijiet individwali, li fil-futur wieħed jew aktar mill-indikaturi tal-orjentazzjoni tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu mmodifikati, sospiżi jew ma jiġux ipprovduti, jekk tqis li dan huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata l-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati, jew jekk tqis li l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma mhedda. Meta taġixxi skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew mingħajr dewmien wara li tibda l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien wara l-adozzjoni tagħha. Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw qabel id-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Nemmnu li, kif diġà previst fl-emenda 131 u l-Artikolu tar-rapporteur u mill-Artikolu 172b tal-OKS, il-prinċipju li skontu organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti u gruppi ta' produtturi ta' indikazzjoni ġeografika rikonoxxuti jistgħu jippubblikaw indikazzjonijiet ta' gwida volontarja dwar il-prezzijiet jista' jiġi applikat ukoll għas-settur tal-prieżet b'indikazzjonijiet ġeografiċi.

Emenda 1328
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172bb

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Artikolu 172d Linji gwida pprovduti minn organizzazzjonijiet

interprofessjonali u gruppi ta' produtturi dwar il-prezz tal-koxox friski tal-majjal maħsuba għall-produzzjoni ta' prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta. 1. B'deroga mill-Artikolu 101, il-paragrafu 1, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-organizzazzjonijiet transsettorjali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-settur tal-laħam tal-majjal, meta tali organizzazzjonijiet u gruppi jitqiesu rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164, il-paragrafu 3 u l-Artikolu 166a, il-paragrafu 2, ta' dan ir-Regolament rispettivament fiż-żona ġeografika rilevanti, jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-koxox friski tal-majjal maħsuba għall-produzzjoni tal-prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, dment li tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni. 2. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ li fil-futur, wieħed jew aktar mill-indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jridu jiġu modifikati, jitwaqqfu jew ma jiġu pprovduti xejn jekk tqis li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi eliminata fir-rigward ta' kwota sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni jew jekk tqis li l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE huma kompromessi. Meta taġixxi skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew bla dewmien wara li tiftaħ l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni u għandha tinnotifika lill-

Kummissjoni dwar id-deċiżjoni adottata bla dewmien wara li tkun ġiet adottata. Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw qabel id-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati.

Or. it

Emenda 1329
Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 172a
	Gwida tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u l-gruppi ta' produtturi li tikkonċerna r-riġlejn tal-ħnieżer friski għall-produzzjoni tal-prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta
	1. B'deroga mill-Artikolu 101(1) tat-TFUE, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-settur tal-laħam tal-majjal, meta dawk l-organizzazzjonijiet u l-gruppi jitqiesu rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164(3) u mal-Artikolu 166a(2) ta' dan ir-Regolament fiż-żona ġeografika rilevanti, jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw ir-riġlejn tal-ħnieżer friski għall-produzzjoni tal-ġobon b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, dment

li l-gwida ma teliminax il-kompetizzjoni għal proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

2. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi f'każijiet individwali li, fil-futur, wieħed jew aktar mill-indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu modifikati, jitwaqqfu jew ma jiġu pprovduti xejn jekk tqis li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi pprevenut li l-kompetizzjoni tiġi eliminata fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni jew jekk tqis li l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE huma mminati. Meta taġixxi skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew bla dewmien wara li tiftaħ l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet adottati bla dewmien wara li jkunu ġew adottati. Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw aktar kmieni mid-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati."

Or. en

Emenda 1330
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22c) L-Artikolu 172d (ġdid) jiżdied kif ġej:
	"

Artikolu 172d (ġdid)

Linji gwida minn organizzazzjonijiet interprofessjonali u gruppi ta' produtturi li jikkonċernaw il-prezz tar-riġlejn tal-ħnieżer friski għall-produzzjoni tal-prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta.

1. B'deroga mill-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont it-tifsira tal-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament u l-gruppi ta' produtturi rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143 li joperaw fis-settur tal-laħam tal-majjal, meta dawn l-organizzazzjonijiet u l-gruppi jitqiesu rappreżentattivi f'konformità mal-Artikolu 164(3) u mal-Artikolu 166a(2) fiż-żona ġeografika kkonċernata, jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw ir-riġlejn tal-ħnieżer friski maħsuba għall-produzzjoni ta' prieżet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, dment li tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

2. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi f'każijiet individwali li, fil-futur, wieħed jew aktar mill-indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu modifikati, jitwaqqfu jew ma jiġu pprovduti xejn jekk tqis li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi pprevenut li l-kompetizzjoni tiġi eliminata fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni jew jekk tqis li l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma mhedda.

Meta taġixxi skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-

Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew bla dewmien wara li tiftaħ l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni, u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni bla dewmien wara li tiġi adottata.

Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw aktar kmieni mid-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati.

"

Or. en

Emenda 1331
Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 173 – paragrafu 1 – punt ca

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ca) is-sospensjoni, it-tnaqqis u l-irkupru għall-pagamenti ta' appoġġ għall-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2 f'każ ta' nuqqas ta' rispett tal-kriterji tar-rikonoxximent;	(ca) is-sospensjoni, it-tnaqqis u l-irkupru għall-pagamenti ta' appoġġ għall-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2 f'każ ta' nuqqas ta' rispett tal-kriterji tar-rikonoxximent; ***f'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament, tiġi żgurata applikazzjoni proporzjonata u konsistenti mill-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tintroduċi referenzi espliċiti għal applikazzjoni proporzjonata u konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u konsistenti fl-Istati Membri kollha. Dan jgħin ukoll biex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti u jnaqqas ir-riskju ta' pożijiet amministrattivi jew finanzjarji sproporzjonati għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Emenda 1332
Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Georgiana Teodorescu, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 174 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) regoli dwar verifiki amministrattivi u fuq il-post li jridu jitwettqu mill-Istati Membri fuq organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi biex jivverifikaw il-konformità mal-kriterji ta' rikonoxximent;	(h) regoli dwar verifiki amministrattivi u fuq il-post li jridu jitwettqu mill-Istati Membri fuq organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi biex jivverifikaw il-konformità mal-kriterji ta' rikonoxximent; ***f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-evitar ta' piżijiet amministrattivi bla bżonn;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli u l-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, filwaqt li tiżgura bilanċ xieraq bejn l-effiċjenza amministrattiva u l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.

Emenda 1333
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 174 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) (j) regoli li jiżguraw interpretazzjoni u applikazzjoni armonizzati madwar l-Istati Membri tal-kriterji għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, sabiex jiġu pprevenuti

prattika nazzjonali diverġenti u piżijiet amministrattivi sproporzjonati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalissa, il-kriterji ta' rikonoxximent għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma applikati b'mod differenti madwar l-Istati Membri, u dan joħloq riskji regolatorji u piżijiet amministrattivi li jġiegħlu lil xi organizzazzjonijiet iċedu l-istatus tagħhom. Din l-emenda tintroduċi mekkaniżmu għal interpretazzjoni armonizzata, li jiżgura kundizzjonijiet ekwi, jipproteġi s-setgħa ta' negozjar tal-kultivaturi, u jżomm l-iskema ta' rikonoxximent attraenti.

Emenda 1334
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Csaba Dömötör, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 179 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) fl-Artikolu 179, jiżdied il-punt (d) kif ġej:
	"(d) ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni għall-annimali ħajjin u għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali li l-metodi tal-produzzjoni tagħhom ma jikkonformawx mal-istandards tal-produzzjoni tal-Unjoni, jew ma' standards ekwivalenti rikonoxxuti kif xieraq.";

Or. fr

Emenda 1335
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 181

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) L-Artikolu 181 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"
Artikolu 181	***Artikolu 181***
Sistema ta' prezzijiet ta' dħul għal ċerti prodotti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati ***u nbid***	Sistema ta' prezzijiet ta' dħul għal ċerti prodotti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati***, inbid u zokkrijiet ta' speċjalità***
1. Għall-applikazzjoni ta' rata ta' dazju tat-Tariffa Doganali Komuni għal prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex ipproċessati ***u*** għall-meraq tal-għeneb u l-most, il-prezz tad-dħul ta' konsenja għandu jkun ugwali għall-valur doganali tagħha kkalkulat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nruº2913/92 (23) (il-Kodiċi Doganali) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nruº2454/93 (20).	Għall-applikazzjoni ta' rata ta' dazju tat-Tariffa Doganali Komuni għal prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex ipproċessati***,*** għall-meraq tal-għeneb u l-most ***kif ukoll għaz-zokkrijiet ta' speċjalità***, il-prezz tad-dħul ta' konsenja għandu jkun ugwali għall-valur doganali tagħha kkalkulat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (il-Kodiċi Doganali) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93.
2. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227 biex tipprevedi li l-eżattezza tal-prezz ta' dħul iddikjarat tal-konsenja għadu jiġi vverifikat permezz ta' valur fiss tal-importazzjoni u tipprevedi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi ddepożitata garanzija.	Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227 biex tipprevedi li l-eżattezza tal-prezz ta' dħul iddikjarat tal-konsenja għadu jiġi vverifikat permezz ta' valur fiss tal-importazzjoni u tipprevedi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi ddepożitata garanzija.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw ir-regoli għall-kalkolu tal-valur fiss tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw ir-regoli għall-kalkolu tal-valur fiss tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).
	"

Or. fr

Emenda 1336
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	ma hemmx garanzija suffiċjenti fir-rigward tal-konformità mal-metodi ta' produzzjoni ekwivalenti għal dawk meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istandards tal-benessri tal-annimali.

Or. en

Emenda 1337
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Dazji addizzjonali ta' importazzjoni ma għandhomx jiġu imposti fejn l-importazzjonijiet ma jkunux mistennija jfixklu s-suq tal-Unjoni, jew fejn l-effetti jkunu sproporzjonati għall-objettiv maħsub.	***L-ekwivalenza mar-regoli tal-Unjoni dwar il-metodi tal-produzzjoni u tat-trasport, inklużi l-istandards tal-benessri tal-annimali, għandha tapplika wkoll għall-impriżi f'pajjiżi terzi sa fejn ikun rilevanti għall-annimali jew għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali esportati minn dawk il-pajjiżi terzi lejn l-Unjoni.***
	Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 147 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1.
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ekwivalenza tal-istandards tal-produzzjoni

f'pajjiżi terzi abbażi ta' kontrolli uffiċjali, awditi jew skema ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti rikonoxxuta mill-Kummissjoni. L-ekwivalenza tal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tista' tiġi rikonoxxuta jekk il-pajjiż terz ikkonċernat juri li r-regoli u s-sistemi ta' kontroll tiegħu joffru garanziji suffiċjenti ta' livell ta' protezzjoni li tal-inqas ikun komparabbli ma' dak applikabbli fl-Unjoni.

Il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni għandhom jiġu vvalutati abbażi ta' jekk il-metodi tal-produzzjoni jiżgurawx livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards tal-benessri tal-annimali għaċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-laħam tal-majjal, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-bajd, ix-xaħmijiet li jistgħu jiddelku u l-laħam tat-tjur. L-ekwivalenza tal-istandards ta' produzzjoni għal prodotti li joriġinaw mill-annimali għandha tiġi vvalutata abbażi ta' rekwiżiti li jiżguraw livell ta' benessri tal-annimali ekwivalenti għal dak previst fid-Direttiva 98/58/KE tal-Kunsill u fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-settur ikkonċernat.

Or. de

Emenda 1338
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
Dazji addizzjonali ta' importazzjoni ***ma għandhomx jiġu imposti fejn l-***	***Jistgħu jiġu applikati*** dazji addizzjonali ta' importazzjoni ***meta ż-żieda fl-***

importazzjonijiet ma jkunux mistennija jfixklu s-suq tal-Unjoni, jew fejn l-effetti jkunu sproporzjonati għall-objettiv maħsub.	***importazzjonijiet thedded l-istabbiltà tas-swieq tal-Unjoni, timmina l-introjtu ġust tal-produtturi jew toħloq tfixkil sinifikanti għas-setturi agrikoli vulnerabbli***.

Or. en

Emenda 1339
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 3, jiżdied il-punt li ġej:
	Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni għandhom jiġu vvalutati b'referenza għall-konformità mal-metodi ta' produzzjoni ekwivalenti għal dawk meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istandards tal-benessri tal-annimali, għaċ-ċanga u għall-vitella, għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib, għal-laħam tal-ħanżir, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż, għall-bajd, għax-xaħmijiet li jiddellku, u għal-laħam tal-pollam.
	L-ekwivalenza tal-istandards ta' produzzjoni għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali għandha tiġi vvalutata skont il-konformità mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-settur tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ekwivalenza tal-istandards tal-produzzjoni ta' pajjiżi terzi abbażi ta' kontrolli uffiċjali, awditi jew ir-rikonoxximent ta' sistema ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti.

Hija tista' tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni ta' pajjiż terz meta dak il-pajjiż juri li r-regoli u s-sistemi ta' kontroll tiegħu jiżguraw livell ta' protezzjoni li jkun mill-inqas komparabbli ma' dak applikabbli fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 1340
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Csaba Dömötör, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:
	"5. Il-Kummissjoni għandha, meta l-prodotti ta' oriġini mill-annimali li jiġu importati jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw disturbi fis-suq, iżżid id-dazji tal-importazzjoni applikabbli għal dawk il-prodotti.";

Or. fr

Emenda 1341
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Artikolu 182a (ġdid) Miżuri applikabbli għaz-zokkrijiet speċjali mmanifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi

Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jistabbilizza s-swieq taz-zokkrijiet speċjali mmanifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni strutturali, ekonomika u soċjali speċifika ta' dawk ir-reġjuni, aggravata mill-qagħda mbiegħda, mill-insularità, miċ-ċokon, mit-topografija u mill-klima diffiċli u mid-dipendenza ekonomika fuq għadd żgħir ta' prodotti.

Il-mekkaniżmu għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) Għal kull intestatura tariffarja li tikkorrispondi għas-suq taz-zokkrijiet speċjali għandu jiġi stabbilit prezz ta' referenza minimu annwali abbażi tal-prezz medju tal-importazzjoni fl-UE rreġistrat tul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni taz-zokkor minn Ottubru 2023 sa Settembru 2024:

– Għall-kodiċi 1701 1490, il-prezz jiġi ffissat għal EUR 857 għal kull tunnellata;

– Għall-kodiċi 1701 1390, il-prezz jiġi ffissat għal EUR 1 284 għal kull tunnellata;

– Għall-kodiċi 1701 9100, il-prezz jiġi ffissat għal EUR 2 199 għal kull tunnellata;

– Għall-kodiċi 1701 9990, il-prezz jiġi ffissat għal EUR 994 għal kull tunnellata.

Il-prezz ta' referenza għandu jiġi aġġornat kull sena biex titqies l-inflazzjoni, abbażi tal-indiċi applikabbli għaż-żona tal-euro;

(b) Għandu jiġi applikat dazju varjabbli ta' appoġġ għas-suq fejn il-prezz ta' importazzjoni CIF ikun aktar baxx mill-prezz ta' referenza. Dak id-dazju għandu jkun id-differenza bejn il-prezz ta' referenza u l-prezz ta' importazzjoni u ma għandux ikun aktar minn EUR 419 għal kull tunnellata;

(c) Il-punti ta' dħul doganali għas-suq tal-UE kollha għandhom jinħatru mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli

għall-implimentazzjoni tal-miżura tal-Istati Membri.

Or. pt

Emenda 1342
Jérémy Decerle, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 182a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Jiżdied Artikolu 182a ġdid:
	Miżura li tikkonċerna z-zokkor ta' speċjalità mir-reġjuni ultraperiferiċi fejn jiġi prodott iz-zokkor
	1. Huwa stabbilit mekkaniżmu biex jiġu stabbilizzati s-swieq għaz-zokkor ta' speċjalità prodott fir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali strutturali speċifika ta' dawn ir-reġjuni, li hija aggravata mid-distanza, mill-insularità, mid-daqs żgħir, mit-topografija u mill-klima diffiċli tagħhom, u mid-dipendenza ekonomika tagħhom fuq għadd limitat ta' prodotti.
	2. Dan il-mekkaniżmu jinkludi:
	(a) Għal kull intestatura tariffarja li tikkorrispondi għas-suq għaz-zokkor ta' speċjalità, jiġi stabbilit prezz ta' referenza annwali minimu, ibbażat fuq il-prezz medju tal-importazzjoni tal-UE rreġistrat matul is-sena tas-suq taz-zokkor Ottubru 2023 – Settembru 2024:
	– Għall-Kodiċi 1701 1490, huwa stabbilit għal EUR 857 għal kull tunnellata,
	– Għall-Kodiċi 1701 1390, il-prezz huwa stabbilit għal EUR 1 284 għal kull tunnellata,

– Għall-Kodiċi 1701 9100, il-prezz huwa stabbilit għal EUR 2 199 għal kull tunnellata,

– Għall-Kodiċi 1701 9990, il-prezz huwa stabbilit għal EUR 994 għal kull tunnellata.

Dan il-prezz jiġi riežaminat kull sena biex titqies l-inflazzjoni (l-indiċi taż-żona tal-euro).

b) dazju varjabbli ta' appoġġ għas-suq fejn il-prezz CIF tal-importazzjoni jkun aktar baxx mill-prezz ta' referenza. Dan id-dazju huwa daqs id-differenza bejn il-prezz ta' referenza u l-prezz ta' importazzjoni, li ma jaqbiżx EUR 419 għal kull tunnellata.

c) Il-punti tad-dħul doganali għas-suq Ewropew kollu huma dežinjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 182 jipprevedi mekkaniżmu ta' dazji fuq l-importazzjoni addizzjonali bbażati fuq prezzijiet u volumi skattaturi. Madankollu, dan il-mekkaniżmu huwa ddisinjat esklużivament għaz-zokkor abjad jew mhux ipproċessat standard u huwa bbażat fuq parametri li ma għandhom l-ebda relazzjoni mar-realtajiet tas-suq għaz-zokkor ta' speċjalità. Dan is-suq niċċa, li jirrappreżenta inqas minn 1,5 fil-mija tas-suq Ewropew taz-zokkor, huwa strutturalment differenti.

Emenda 1343
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 186 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25a) fl-Artikolu 186, il-paragrafu 1, il-

	punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) biex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà li operatur għandu jissodisfa biex jissottometti applikazzjoni skont il-kwota tariffarja ta' importazzjoni; id-dispożizzjonijiet konċernati jistgħu jesiġu esperjenza minima fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi u territorji assimilati, jew f'attività ta' pproċessar, espressa bħala kwantità minima u ***f'perijodu*** ta' żmien f'settur partikolari tas-suq; dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jinkludu regoli speċifiċi li jkunu jixirqu l-ħtiġijiet u l-prattiki fis-seħħ f'ċertu settur u l-użi u l-ħtiġijiet tal-industriji tal-ipproċessar;	***"***(a) biex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà li operatur għandu jissodisfa biex jissottometti applikazzjoni skont il-kwota tariffarja ta' importazzjoni; id-dispożizzjonijiet konċernati jistgħu jesiġu esperjenza minima fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi u territorji assimilati, jew f'attività ta' pproċessar, espressa bħala kwantità minima u ***f'perjodu*** ta' żmien f'settur partikolari tas-suq; dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jinkludu regoli speċifiċi li jkunu jixirqu l-ħtiġijiet u l-prattiki fis-seħħ f'ċertu settur***, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-metodi ta' produzzjoni li jiżguraw livell ta' protezzjoni tal-benessri tal-annimali ekwivalenti għal dak meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,*** u l-użi u l-ħtiġijiet tal-industriji tal-ipproċessar;***"*** ***"***

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Emenda 1344
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 186 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) fl-Artikolu 186(1), il-punt (a) huwa sostitwit minn:
	(a) biex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà li operatur għandu jissodisfa biex jissottometti applikazzjoni skont il-kwota tariffarja ta' importazzjoni; id-dispożizzjonijiet konċernati jistgħu jesiġu esperjenza minima fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi u

territorji assimilati, jew f'attività ta' pproċessar, espressa bħala kwantità minima u f'perjodu ta' żmien f'settur partikolari tas-suq; dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jinkludu regoli speċifiċi li jkunu adattati għall-ħtiġijiet u għall-prattiki fis-seħħ f'ċertu settur, b'mod partikolari fir-rigward tal-metodi ta' produzzjoni li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards tal-benessri tal-annimali, u tal-użi u tal-ħtiġijiet tal-industriji tal-ipproċessar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 186(1), il-punt (a) - żieda tal-kliem li ġej: "b'mod speċjali fir-rigward tal-metodi ta' produzzjoni li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards tal-benessri tal-annimali".

Emenda 1345
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-	(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-

tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %;

Or. en

Emenda 1346
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,5*** %;

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi għall-Artikolu 147, jitqies meħtieġ li l-limitu tat-tetraidrokannabinol (THC) jiġi restawrat għal 0,5 %.

Emenda 1347
Charles Goerens, Asger Christensen, Benoit Cassart, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %;

Or. en

Emenda 1348
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	(a) qanneb veru mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5302, prodott minn varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fih kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** % u mkabbar minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %;

Or. en

Emenda 1349
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %;

Or. en

Emenda 1350
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE	(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,5*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE

jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx 0,3 %;	jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx 0,3 %;

Or. en

Emenda 1351
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %;

Or. en

Emenda 1352
Charles Goerens, Asger Christensen, Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %;	(b) żrieragħ tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1207 99 20 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fiha kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** %, iċċertifikat f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjat minn prova li l-livell ta' Δ9-tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %;

Or. en

Emenda 1353
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,3*** % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta'tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %.	(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***1*** % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta'tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %.

Or. en

Emenda 1354
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta'tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %.	(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta' Δ9-tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta'tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,5*** %.

Or. en

Emenda 1355
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta' Δ9-	(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta' varjetà ta' Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta' Δ9-

tetraidrokannabinol ta’ mhux aktar minn ***0,3*** % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f’konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f’konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta’ varjetajiet ta’ konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta’tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %.	tetraidrokannabinol ta’ mhux aktar minn ***1*** % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f’konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f’konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta’ varjetajiet ta’ konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta’tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %.

Or. en

Emenda 1356
Charles Goerens, Asger Christensen, Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta’ varjetà ta’ Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta’ Varjetajiet ta’ Speċijiet ta’ Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta’ Δ9-tetraidrokannabinol ta’ mhux aktar minn ***0,3*** % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f’konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f’konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta’ varjetajiet ta’ konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta’tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***0,3*** %.	(d) partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1211 90 86 ta’ varjetà ta’ Cannabis Sativa L. irreġistrata fil-Katalogu Komuni ta’ Varjetajiet ta’ Speċijiet ta’ Pjanti Agrikoli li fihom kontenut massimu ta’ Δ9-tetraidrokannabinol ta’ mhux aktar minn ***1*** % u mkabbra minn żrieragħ iċċertifikati f’konformità mad-Direttiva 2002/57/KE jew f’konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/62/KE fil-każ ta’ varjetajiet ta’ konservazzjoni jew akkumpanjati minn prova li l-livell ta’tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx ***1*** %.

Or. en

Emenda 1357
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali ta' kontroll għall-prodotti tal-qanneb importati, inklużi limiti u metodi ta' verifika li jikkonċernaw metalli tqal, residwi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kontaminanti mikrobijoloġiċi u sustanzi oħra rilevanti għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti. Ir-rekwiżiti għandhom jiġu applikati b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju u għandhom jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-produtturi tal-Unjoni.

Or. es

Emenda 1358
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 190 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tippromwovi l-użu interoperabbli ta' ċertifikati elettroniċi, sistemi ta' traċċabbiltà u għodod diġitali fil-kontrolli tal-importazzjoni għall-ħops u għall-prodotti tal-ħops, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u agrikoli tal-Istati Membri.

Or. es

Emenda 1359
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27b (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 190 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) Meta l-importazzjonijiet taħt preferenzi jew kwoti tariffarji jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw tfixkil serju f'settur agrikolu sensittiv, il-Kummissjoni għandha tevalwa s-sitwazzjoni f'perjodu massimu ta' 15-il jum.
	Din l-evalwazzjoni għandha tqis:
	(a) il-prezzijiet, il-kostijiet u l-marġnijiet fl-Unjoni;
	(b) il-volum, il-pass u l-konċentrazzjoni temporanja tal-importazzjonijiet;
	(c) l-istokkijiet, il-produzzjoni u l-konsum;
	(d) id-differenzi rilevanti bejn il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni fl-Unjoni u dawk fil-pajjiż terz.
	Meta t-tfixkil jiġi kkonfermat, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tieħu miżuri proporzjonati, inklużi s-sospensjoni, it-tnaqqis, l-introduzzjoni fi stadji jew il-modifika temporanja tal-kwota jew tal-preferenza kkonċernata.

Or. es

Emenda 1360
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 190a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 190
	Jiddaħħal l-Artikolu 190(b) ġdid li ġej:
	Verifika tal-ekwivalenza tal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni applikabbli għall-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin jew ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali
	1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm stabbiliti arranġamenti xierqa biex jiġi vverifikat li l-annimali ħajjin jew il-prodotti li joriġinaw mill-annimali mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, inklużi dawk importati minn pajjiżi terzi, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards tal-benessri tal-annimali.
	2. Sa mhux aktar tard minn 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ekwivalenza msemmija fl-ewwel paragrafu, inkluż b'mod partikolari:
	(a) informazzjoni dwar il-kontrolli mwettqa u s-sejbiet tagħhom;
	(b) ksur identifikat tar-rekwiżiti ta' ekwivalenza u l-miżuri meħuda biex jindirizzawhom.

Or. en

Emenda 1361
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti sensittivi, inklużi ċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex ipproċessati, l-inbid, iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-laħam tal-majjal, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, il-bajd u l-laħam tal-pollam, kif irrapportat skont is-sistema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jaqa' taħt il-prezzijiet ta' intervent jew ta' limitu riveduti, il-Kummissjoni għandha tadotta awtomatikament atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 223(2), li jissospendu temporanjament il-kwoti tariffarji jew it-tariffi preferenzjali għall-prodott agrikolu sensittiv affettwat.

Or. en

Emenda 1362
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Csaba Dömötör, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-Artikolu 194 huwa emendat kif ġej:
	(a) Jiżdied il-paragrafu 3(a) li ġej:
	"3a. B'deroga mill-Artikoli 184 sa 194, il-ftuħ jew l-allokazzjoni ta' kwoti tariffarji, fil-kuntest ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali, għall-prodotti li jaqgħu fis-setturi taċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex

ipproċessati, l-inbid, iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-majjal, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, il-bajd, il-laħam tat-tjur kif ukoll l-alkoħol etiliku minn oriġini agrikola, għandhom jiġu sospiżi awtomatikament meta l-prezz medju fl-Unjoni għall-prodotti kkonċernati, kif irrapportat skont l-iskema ta' notifika tal-prezzijiet tal-Unjoni, jinżel għal inqas minn 120 % tal-limiti ta' referenza msemmija fl-Artikolu 7 għal perjodu ta' xahar. Taħt l-istess kondizzjonijiet, dazju doganali addizzjonali applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati, li l-ammont tiegħu għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jikkumpensa għad-differenza bejn il-prezz medju stabbilit u l-limitu ta' 120 % tal-limiti ta' referenza msemmija fl-Artikolu 7. Meta l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni għandha tadotta mingħajr dewmien att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi miżuri ta' salvagwardja awtomatiċi. Is-sospensjoni tidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-att ta' implimentazzjoni u tibqa' applikabbli għal perjodu minimu ta' 12-il xahar. Wara dak il-perjodu minimu, jekk il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw is-sospensjoni ma għadhomx issodisfati, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jtemm l-imsemmija sospensjoni.";

Or. fr

Emenda 1363
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Csaba Dömötör, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-Artikolu 194 huwa emendat kif ġej:
	(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:
	"(4a) Ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni għall-annimali ħajjin u għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali li l-metodi tal-produzzjoni tagħhom ma jikkonformawx mal-istandards tal-produzzjoni tal-Unjoni, jew ma' standards ekwivalenti rikonoxxuti kif xieraq.";

Or. fr

Emenda 1364
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Charles Goerens, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) fl-Artikolu 194, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	3a. B'deroga mill-Artikoli 184 sa 194, il-ftuħ jew l-allokazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, tal-frott u tal-ħxejjex, tal-frott u tal-ħxejjex ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tal-laħam tal-pollam u tal-alkoħol etiliku agrikolu skont ftehimiet kummerċjali preferenzjali għandhom jiġu sospiżi awtomatikament meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti inkwistjoni, kif irrapportat skont l-iskema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jonqos taħt il-limiti ta' referenza msemmija fl-Artikolu

7 fi żmien perjodu ta' 3 xhur.

Meta l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni għandha tadotta mingħajr dewmien att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi miżuri ta' salvagwardja awtomatiċi.

Is-sospensjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni u għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu minimu ta' 12-il xahar. Jekk, wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu minimu, il-Kummissjoni tiddetermina li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ta' skema ta' rapportar partikolari ma għadhomx jiġu ssodisfati, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jtemm dik is-sospensjoni.

Or. en

Emenda 1365
Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(27a) Fl-Artikolu 194, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti sensittivi, inklużi ċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex ipproċessati, l-inbid, iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-laħam tal-majjal, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, il-bajd, il-laħam tal-pollam, kif irrapportat skont l-iskema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jaqa' taħt il-prezzijiet ta' intervent/limitu riveduti, il-Kummissjoni

għandha tadotta awtomatikament atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 223(2) li jissospendu temporanjament il-kwoti tariffarji jew it-tariffi preferenzjali."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32013R1308)

Emenda 1366
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Fl-Artikolu 194, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	(4a) Il-prodotti agrikoli ma għandhomx jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fis-suq tal-Unjoni meta l-prezz tal-importazzjoni tagħhom ikun taħt il-kost tal-produzzjoni ta' referenza tal-Unjoni stabbilit mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari għas-settur ikkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-kostijiet tal-produzzjoni ta' referenza applikabbli u r-regoli meħtieġa biex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-kontroll effettivi ta' din id-dispożizzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-importazzjonijiet agrikoli mibjugħa fl-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi mill-kostijiet tal-produzzjoni Ewropej jistgħu jimminaw l-objettivi tal-PAK u joħolqu kompetizzjoni inġusta. L-użu ta' kostijiet tal-produzzjoni ta' referenza stabbiliti mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari jiżgura kundizzjonijiet ekwi, itejjeb il-koerenza bejn il-politika kummerċjali u l-objettivi agrikoli tal-Unjoni, u jappoġġa r-reżiljenza tal-produtturi Ewropej.

Emenda 1367
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Fl-Artikolu 194, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	(4b) Meta l-prezz rappreżentattiv ta' prodott agrikolu jaqa' taħt il-limitu ta' referenza tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7, jew meta l-importazzjonijiet jikkontribwixxu għal disturb serju fis-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (ca), il-Kummissjoni għandha, għall-perjodu meħtieġ biex terġa' tinkiseb l-istabbiltà tas-suq, tissospendi l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji, l-arranġamenti tariffarji preferenzjali u kwalunkwe konċessjoni kummerċjali oħra applikabbli għall-prodotti kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien ta' dawn is-sospensjonijiet.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-importazzjonijiet agrikoli mibjugħa fl-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi mill-kostijiet tal-produzzjoni Ewropej jistgħu jimminaw l-objettivi tal-PAK u joħolqu kompetizzjoni inġusta. L-użu ta' kostijiet tal-produzzjoni ta' referenza stabbiliti mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari jiżgura kundizzjonijiet ekwi, itejjeb il-koerenza bejn il-politika kummerċjali u l-objettivi agrikoli tal-Unjoni, u jappoġġa r-reżiljenza tal-produtturi Ewropej.

Emenda 1368
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Fl-Artikolu 194, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	(4c) Il-Kummissjoni ma għandhiex tidħol f'negozjati jew issegwi negozjati jew ir-ratifika ta' kwalunkwe ftehim kummerċjali li jinkludi konċessjonijiet tariffarji jew kwoti fuq prodotti agrikoli, meta dak il-ftehim jista' jesponi lill-produtturi tal-Unjoni għal kompetizzjoni li ma tikkonformax ma' standards soċjali u ambjentali ekwivalenti għal dawk imposti mid-dritt tal-Unjoni, jew li tipperikola l-kisba tal-limiti ta' referenza msemmija fl-Artikolu 7.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-importazzjonijiet agrikoli mibjugħa fl-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi mill-kostijiet tal-produzzjoni Ewropej jistgħu jimminaw l-objettivi tal-PAK u joħolqu kompetizzjoni inġusta. L-użu ta' kostijiet tal-produzzjoni ta' referenza stabbiliti mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari jiżgura kundizzjonijiet ekwi, itejjeb il-koerenza bejn il-politika kummerċjali u l-objettivi agrikoli tal-Unjoni, u jappoġġa r-reżiljenza tal-produtturi Ewropej.

Emenda 1369
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 194a (ġdid) – Sospensjoni temporanja tal-kwoti tariffarji għall-prodotti sensittivi B'deroga mill-Artikoli 184 sa 194, il-ftuħ jew l-allokazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, tal-frott u l-ħxejjex, tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u tal-

vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur u tal-alkoħol etiliku agrikolu fl-ambitu ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali għandhom jiġu sospiżi awtomatikament meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti inkwistjoni, kif irrapportat skont l-iskema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jonqos b'20 % jew aktar f'perjodu ta' 6 xhur jew jekk jiġu rreġistrati volumi anomali ta' importazzjoni kkonċentrati f'perjodi qosra. Meta tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha taġixxi mingħajr dewmien permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Is-sospensjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-att ta' implimentazzjoni u 28 għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu minimu ta' 12-il xahar. Din tista' tiġi revokata fi stadju aktar tard biss meta l-Kummissjoni tiddetermina, permezz ta' att ta' implimentazzjoni u abbażi tal-istess sistema ta' rapportar, li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ma għadhomx issodisfati."

Or. it

Ġustifikazzjoni

prodotti agricoli sensibili sono vulnerabili a forti cali di prezzo, spesso conseguenti a forti aumenti nelle importazioni. In periodi di grave tensione sul mercato, il mantenimento dell'accesso ai contingenti tariffari preferenziali può deprimere ulteriormente i prezzi dell'Unione e compromettere la sostenibilità economica degli agricoltori e dei trasformatori di primo livello. Il presente emendamento introduce un meccanismo di salvaguardia oggettivo e trasparente per i contingenti tariffari, basato sui dati del sistema di segnalazione dei prezzi dell'Unione.Obbligando la Commissione ad agire senza indugio mediante un atto di esecuzione una volta raggiunta una soglia di prezzo chiaramente definita, l'emendamento garantisce un'applicazione tempestiva, prevedibile e non discriminatoria delle misure di salvaguardia. La sospensione è strettamente limitata all'apertura o all'assegnazione dei contingenti, preserva i diritti esistenti e si applica per un periodo minimo di dodici mesi per evitare effetti di stop-and-go. Questa misura mirata rafforza la stabilizzazione del mercato pur rimanendo proporzionata e compatibile con gli impegni commerciali dell'Unione.Quando il dumping sanitario e ambientale crea una distorsione insostenibile della concorrenza, minacciando la redditività dei settori agricoli sensibili dell'UE e incoraggiando la "rilocalizzazione delle emissioni di carbonio" o il trasferimento dei nostri

impatti ambientali, è necessario porvi rimedio. Questa disposizione garantisce che l'UE attui politiche coerenti di fronte a un possibile "dumping in materia di salute, benessere degli animali e ambiente".

Emenda 1370
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Jiżdied l-Artikolu 194a kif ġej:
	Artikolu 194a (ġdid) – Sospensjoni temporanja tal-kwoti tariffarji għal prodotti sensittivi
	B'deroga mill-Artikoli 184 sa 194, il-ftuħ jew l-allokazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex ipproċessati, l-inbid, iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-majjal, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, il-bajd, il-laħam tat-tjur u l-alkoħol etiliku minn oriġini agrikola fil-kuntest ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali għandhom jiġu sospiżi awtomatikament meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti inkwistjoni, kif irrapportat skont is-sistema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jinżel għal taħt il-limitu ta' referenza aġġornat jew jinżel b'20 % jew aktar f'perjodu ta' sitt xhur.
	Meta l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni għandha taġixxi mingħajr dewmien permezz ta' att ta' implimentazzjoni.
	Is-sospensjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni u għandha tibqa' fis-

seħħ għal perjodu minimu ta' 12-il xahar. Sussegwentement, din tista' titneħħa biss jekk il-Kummissjoni ssib, permezz ta' att ta' implimentazzjoni u abbażi tal-istess sistema ta' notifika, li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ma għadhomx issodisfati. "

Or. fr

Emenda 1371
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Fil-Parti III, il-Kapitolu V, jiżdied l-Artikolu 194a li ġej:
	Sospensjoni temporanja tal-kwoti tariffarji għal prodotti sensittivi
	1. B'deroga mill-Artikoli 184 sa 194, il-ftuħ jew l-allokazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, tal-frott u tal-ħxejjex, tal-frott u tal-ħxejjex ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tal-laħam tal-pollam u tal-alkoħol etiliku agrikolu skont ftehimiet kummerċjali preferenzjali għandhom jiġu sospiżi awtomatikament meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti inkwistjoni, kif irrapportat skont l-iskema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jonqos taħt il-limitu ta' referenza aġġornat jew jonqos b'20 % jew aktar fi żmien perjodu ta' 6 xhur.
	2. Meta l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel

paragrafu tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien u permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

3. Is-sospensjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-att ta' implimentazzjoni u għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu minimu ta' 12-il xahar. Minn hemm 'il quddiem din tista' titneħħa biss meta l-Kummissjoni tiddetermina, permezz ta' att ta' implimentazzjoni u abbażi tal-istess skema ta' rapportar, li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ma għadhomx issodisfati.

Or. en

Emenda 1372
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej fit-Titolu III, il-Kapitolu V:
	Artikolu 194a
	Kwoti tariffarji ta' salvagwardja
	1. Meta l-prezz medju tal-Unjoni ta' prodott sensittiv elenkat fil-paragrafu 2 jaqa' taħt il-limitu ta' referenza aġġornat msemmi fl-Artikolu 7, jew jonqos b'20 % jew aktar tul perjodu ta' sitt xhur, il-Kummissjoni għandha tissospendi mingħajr dewmien żejjed, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-ftuħ jew l-allokazzjoni tal-kwoti tariffarji preferenzjali għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott.
	2. Dan l-Artikolu għandu japplika għal dawn li ġejjin: iċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor, il-frott u l-ħxejjex, il-laħam taċ-ċanga, il-ħalib, il-bajd, il-laħam tal-

	pollam u l-alkoħol etiliku.
	3. Is-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Tul dawn l-aħħar snin, l-importazzjonijiet kbar ta' prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi mingħajr tariffi wasslu għal destabilizzazzjoni sinifikanti tas-swieq taċ-ċereali u tal-laħam tal-pollam tal-Unjoni. Mekkaniżmu awtomatiku li jissospendi l-kwoti tariffarji preferenzjali f'każ ta' tnaqqis fil-prezzijiet huwa strument ewlieni għall-ħarsien tal-introjtu tal-bdiewa Pollakki u għandu jibda jaħdem mingħajr dewmien amministrattiv.

Emenda 1373
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 194a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(28a) Artikolu 194a (ġdid) Sospensjoni temporanja tal-kwoti tariffarji għal prodotti sensittivi
194a (ġdid)	***"1. B'deroga mill-Artikoli 184 sa 194, il-ftuħ jew l-allokazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, tal-frott u tal-ħxejjex, tal-frott u tal-ħxejjex ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur u tal-alkoħol etiliku agrikolu skont ftehimiet kummerċjali preferenzjali għandhom jiġu sospiżi awtomatikament meta l-prezz medju tal-Unjoni għall-prodotti inkwistjoni, kif irrapportat skont l-iskema ta' rapportar tal-prezzijiet tal-Unjoni, jonqos taħt il-limiti ta' referenza aġġornat jew jonqos b'***

20 % jew aktar fi żmien perjodu ta' 6 xhur.

Meta l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien u permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Is-sospensjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-att ta' implimentazzjoni u għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu minimu ta' 12-il xahar. Minn hemm 'il quddiem din tista' titneħħa biss meta l-Kummissjoni tiddetermina, permezz ta' att ta' implimentazzjoni u abbażi tal-istess skema ta' rapportar, li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni ma għadhomx issodisfati."

"

Or. en

(Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013)

Ġustifikazzjoni

Sensitive agricultural products are vulnerable to sharp price declines. In periods of severe market stress, continued access to preferential tariff quotas can further depress Union prices and undermine the economic sustainability of farmers and first-stage processors. This amendment introduces an objective and transparent safeguard mechanism for tariff quotas, based on data from the Union price reporting scheme.By obliging the Commission to act without delay through an implementing act once a clearly defined price threshold is met, the amendment ensures timely, predictable and non-discriminatory application of safeguards. The suspension is strictly limited to the opening or allocation of quotas, preserves existing rights, and applies for a minimum period of twelve months to avoid stop-and-go effects. This targeted measure strengthens market stabilisation while remaining proportionate and compatible with the Union's trade commitments.When health and environmental dumping create unsustainable distortion of competition, threatening the viability of EU sensitive agricultural sectors and encouraging "carbon leakage" or the relocation of our environmental impacts, it must be corrected. This provision ensures that the EU implements consistent policies in the face of possible "health, animal welfare and environmental dumping".

Emenda 1374
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27b (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 195 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-arranġamenti tal-ipproċessar taħt kontroll doganali jew tal-arranġamenti ta' proċessar attiv, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tadatta l-proċedura għall-ispeċifiċitajiet tad-diversi setturi elenkati fl-Artikolu 1.2, b'mod permanenti, billi tillimita jew tipprojbixxi t-trasferibbiltà tal-liċenzji tal-importazzjoni, billi tnaqqas id-durata tal-liċenzji jew billi tadotta kwalunkwe miżura oħra li timmodifika l-ġestjoni tal-arranġamenti.
	"

Or. fr

Emenda 1375
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntratti ta' provvista mogħtija skont il-proċeduri ta' akkwist pubbliku jinkisbu minn prodotti agrikoli u tal-ikel li joriġinaw fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 1376
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Jiġi introdott l-Artikolu 210b kif ġej:
	"Artikolu 210b
	Arranġamenti ta' limitazzjoni tal-produzzjoni għas-sostenibbiltà
	1. Stat Membru jew diversi Stati Membri jistgħu jistabbilixxu arranġamenti li jillimitaw produzzjoni partikolari, fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, sabiex ifittxu li jilħqu xi għan jew għanijiet tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tar-riżorsi naturali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew il-benessri tal-annimali.
	2. L-arranġamenti ta' limitazzjoni tal-produzzjoni għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu, iżommu jew jillimitaw it-tkabbir tal-produzzjoni f'territorju partikolari. Huma bbażati fuq sistema ta' kwoti tal-produzzjoni, li l-għadd tagħhom jista' jiġi aġġustat kull sena mill-Istat Membru jew l-Istati Membri li jimplimentawhom.
	3. Meta jiġu stabbiliti l-arranġamenti, il-kwoti tal-produzzjoni jiġu allokati lill-produtturi skont il-livelli ta' produzzjoni osservati f'sena partikolari jew il-medja ta' diversi snin. L-Istat Membru jew l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu d-drittijiet tal-produzzjoni trasferibbli liberament bejn il-produtturi.
	4. L-Istat Membru jew l-Istati Membri għandhom jiġġestixxu riżerva ta' drittijiet tal-produzzjoni li għandha tiġi alimentata mid-drittijiet li għandhom jiġu prodotti fil-każ ta' waqfien tal-attività jew permezz ta' imposta fuq it-trasferimenti ta' drittijiet, skont jekk id-drittijiet tal-produzzjoni jkunux trasferibbli bejn il-produtturi jew le. Id-drittijiet riżervati tal-produzzjoni

għandhom jiġu kkanċellati jew distribwiti mill-ġdid mingħajr ħlas lill-produtturi ta' prijorità, b'mod partikolari lill-bdiewa żgħażagħ jew skont il-livell ta' sostenibbiltà tal-metodi ta' produzzjoni. Fil-każ ta' arranġamenti ta' limitazzjoni tal-produzzjoni li jkollhom l-għan li jnaqqsu t-tkabbir ta' produzzjoni partikolari, jistgħu jinħolqu u jiġu distribwiti drittijiet addizzjonali ta' produzzjoni permezz tar-riżerva.

5. L-Istat Membru jew l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu użu mill-possibbiltà li jimplimentaw arranġamenti ta' limitazzjoni tal-produzzjoni għandhom jissottomettu avviż debitament sostanzjat lill-Kummissjoni. F'dik in-notifika, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw l-adegwatezza tal-miżura, l-objettivi u l-mekkaniżmi ewlenin tagħha. Kull tliet snin, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport ta' evalwazzjoni dwar il-miżura.

"

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-kwoti tal-produzzjoni huma għodod effikaċi biex jirregolaw il-volum tal-produzzjoni u jillimitaw il-konċentrazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni ġeografika tat-territorji. Dawn l-għodod huma ferm aktar effikaċi minn miżuri oħra bħall-ETS, li jżidu l-kostijiet tal-produzzjoni, joħolqu kumplessità amministrattiva u jagħmlu pressjoni fuq il-produtturi kollha peress li huma kollha soġġetti għal tnaqqis fil-produzzjoni.

Emenda 1377
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 214ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90	Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90

miljun lis-settur taz-zokkor fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni.	miljun lis-settur taz-zokkor fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni ***fil-forma ta' għajnuna lill-fabbriki taz-zokkor li jimpenjaw ruħhom li jittrasferixxu l-għajnuna kollha jew parti minnha lill-produtturi tal-kannamieli permezz ta' prezz tax-xiri ogħla għall-kannamieli***. ***Din l-għajnuna hija addizzjonali għall-miżuri ffinanzjati taħt il-programm POSEI previst mir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari għall-miżuri previsti fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament.***
	Or. fr

Emenda 1378
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 214b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90 miljun lis-settur taz-zokkor fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni.	Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90 miljun lis-settur taz-zokkor fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni. ***Dik l-għajnuna għandha tgħodd b'żieda mal-miżuri ffinanzjati fl-ambitu tal-programm POSEI stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament.***
	Or. pt

Emenda 1379
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 214b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90 miljun lis-settur taz-zokkor fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni.	Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90 miljun lis-settur taz-zokkor fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni. ***Franza għandha tiżgura li din l-għajnuna tkun primarjament immirata lejn il-produtturi żgħar u ta' daqs medju tal-kannamieli, permezz ta' mekkaniżmi xierqa ta' ridistribuzzjoni.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għall-produzzjoni tal-kannamieli fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi għandu jqis aħjar il-vulnerabbiltà tal-produtturi żgħar u ta' daqs medju. Il-mekkaniżmi ta' ridistribuzzjoni, bħal appoġġ differenzjat jew limiti massimi ta' pagament, jippermettu distribuzzjoni aktar ġusta tal-fondi pubbliċi, jappoġġaw it-tiġdid ġenerazzjonali u jippreżervaw il-bilanċ territorjali tas-settur.

Emenda 1380
Jérémy Decerle, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 214b – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din l-għajnuna tiżdied mal-miżuri ffinanzjati fl-ambitu tal-programm POSEI previsti fir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari mal-miżuri previsti fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1381
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 214b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn tmiem kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li fil-fatt tkun tat**.**;	Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn tmiem kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li fil-fatt tkun tat ***u għandha tipprovdi d-data li turi t-trażmissjoni tal-għotja kollha jew ta' parti minnha lill-produtturi tal-kannamieli***;

Or. fr

Emenda 1382
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 217

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Tħassar l-Artikolu 217.	***imħassar***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Ir-riintroduzzjoni tal-Artikolu 217 hija meħtieġa biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jallokaw fondi nazzjonali b'żieda mal-iskema għall-iskejjel tal-UE.

Emenda 1383
Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 217

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) l-Artikolu 217 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda (li tistabbilixxi mill-ġdid l-Artikolu 217) iżżomm il-qafas attwali tal-iskema tal-iskejjel tal-UE.

Emenda 1384
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) L-Artikolu 219 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 219	Artikolu 219
Miżuri kontra t-tfixkil fis-suq	Miżuri kontra t-tfixkil fis-suq
1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni jew esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu b'mod sinifikanti s-suq ***ikkonċernat***, fejn dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq, x'aktarx ***ser*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn	1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni jew esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu b'mod sinifikanti s-suq, fejn dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq, x'aktarx ***se*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali

ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti ***jew mhux adatta***.

konklużi f'konformità mat-TFUE u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti.

Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesiġu hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesiġu hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Dawn ir-raġunijiet tant importanti ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant isir malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tista' tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid il-limitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew li jkun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.

Dawn ir-raġunijiet tant importanti ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant isir malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tista' tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid il-limitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew li jkun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.

Tali miżuri, sa fejn u ***għall-perijodu*** neċessarju sabiex jindirizzaw it-tfixkil fis-suq jew theddid ta' tfixkil, jistgħu jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, ***jaġġustaw*** jew jissospendu dazji fuq l-importazzjoni kompletament jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew ***perijodi*** kif meħtieġ***, jew jieħdu l-forma ta' skema temporanja ta' tnaqqis volontarju tal-produzzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' provvista żejda***.

Tali miżuri, sa fejn u ***għall-perjodu*** neċessarju sabiex jindirizzaw it-tfixkil fis-suq jew theddid ta' tfixkil, jistgħu jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, ***jew jipprevedu rifużjonijiet tal-esportazzjoni,*** jew jissospendu dazji fuq l-importazzjoni kompletament jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew ***perjodi*** kif meħtieġ.

Or. en

Emenda 1385
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta mill-inqas żewġ Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 213, il-Kummissjoni għandha, fi żmien perjodu limitat mid-data tat-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri. Fi żmien perjodu limitat wara dik id-diskussjoni u l-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 li japprovaw il-miżuri eċċezzjonali previsti fl-Artikolu 213 għall-prodotti kkonċernati.
	1b. Meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' tfixkil serju imminenti fis-suq, filwaqt li jitqiesu l-indikaturi tas-suq, inkluż l-limiti riveduti tal-prezzijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu limitat mid-data tat-talba uffiċjali. F'perjodu limitat wara dik id-diskussjoni u l-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, bħala miżura preventiva, li japprovaw il-miżuri eċċezzjonali previsti fl-Artikolu 213 għall-prodotti kkonċernati, anke meta ma jkun għadu ġie identifikat l-ebda tfixkil fis-suq f'dak iż-żmien.

Or. en

Emenda 1386
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30a) L-Artikolu 219 huwa emendat kif ġej:
1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni jew esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu b'mod sinifikanti s-suq, fejn dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq, x'aktarx ***ser*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti.	***"***1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni jew esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu b'mod sinifikanti s-suq, fejn dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq, x'aktarx ***se*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti ***jew mhux adatta biex tirreaġixxi b'mod effiċjenti. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata mix-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Faċilità tal-UE***.
Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesiġu hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesiġu hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Dawn ir-raġunijiet tant importanti ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant isir malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tista' tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid il-limitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew li jkun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.	Dawn ir-raġunijiet tant importanti ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant isir malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tista' tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid il-limitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew li jkun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.
Biex jiġi indirizzat it-tfixkil tas-suq jew it-theddida tiegħu, dawn il-miżuri jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, jew jipprovdu għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni, jew jissospendu dazji ta' importazzjoni għalkollox jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew ***perijodi*** skont il-ħtieġa.	Biex jiġi indirizzat it-tfixkil tas-suq jew it-theddida tiegħu, dawn il-miżuri jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, jew jipprovdu għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni, jew jissospendu dazji ta' importazzjoni għalkollox jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew ***perjodi*** skont il-ħtieġa. ***"***

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 1308/2013, l-Artikolu 219).

Emenda 1387
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 219 huwa

	emendat kif ġej:
1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni jew esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu b'mod sinifikanti s-suq ikkonċernat, fejn dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq, ***x'aktarx ser*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata ***s-setgħa*** li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex ***jittieħdu*** l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u ***sakemm*** kwalunkwe miżura oħra disponibbli ***taħt*** dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti jew mhux ***adatta***.	***1.*** Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fi swieq interni jew esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu b'mod sinifikanti s-suq ikkonċernat, fejn dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq, ***tkun suxxettibbli li*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata ***l-awtorizzazzjoni*** li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex ***jiġu adottati*** l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE u ***dment li*** kwalunkwe miżura oħra disponibbli ***skont*** dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti jew mhux ***adegwata***. ***L-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata mix-xibka ta' sikurezza tal-Unità msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX li jistabbilixxi l-Istrument tal-UE. 29***

Or. it

Ġustifikazzjoni

F'sitwazzjonijiet ta' tfixkil serju fis-suq, il-Kummissjoni jeħtiġilha tkun kapaċi tirreaġixxi malajr u b'mod effettiv. Il-ħtieġa ta' valutazzjoni minn qabel tal-adegwatezza tal-miżuri l-oħra kollha disponibbli skont ir-Regolament ma għandiex iddewwem l-intervent u toħloq inċertezza legali, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet tas-suq li jevolvu malajr fejn azzjoni bikrija hija essenzjali biex jiġi pprevenut deterjorament ulterjuri.

Emenda 1388
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) fl-Artikolu 219, ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Tali miżuri, sa fejn u għall-perjodu meħtieġ sabiex jirrimedjaw disturbi fis-suq jew theddid ta' disturbi, jistgħu jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra previsti skont dan ir-Regolament, jipprevedu aġġustamenti jew jissospendu dazji fuq l-importazzjoni kompletament jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet u/jew perjodi kif meħtieġ. Tali miżuri jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' skema temporanja ta' tnaqqis volontarju jew obbligatorju tal-produzzjoni, sabiex jirrimedjaw sitwazzjonijiet ta' produzzjoni żejda, bħal skema ta' assistenza biex titnaqqas il-produzzjoni tal-ħalib u skema permanenti għall-qlugħ tad-dwieli. Il-miżuri biex jitnaqqsu l-volumi tal-produzzjoni għandhom jagħtu prijorità lill-akbar produtturi u jipproteġu l-iżgħar azjendi agrikoli, sabiex jinżammu kemm jista' jkun azjendi agrikoli fl-UE.
	Meta l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet f'suq agrikolu ma jkunux jistgħu jiġu spjegati minn bidliet fil-provvista u d-domanda fiżika u x'aktarx li jirriżultaw minn pożizzjonijiet spekulattivi fis-swieq tad-derivattivi tal-materja prima agrikola, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament, miżuri biex tillimita l-pożizzjonijiet miżmuma minn operaturi finanzjarji mhux kummerċjali f'dawk is-swieq, konsistenti mal-miżuri tal-limiti tal-pożizzjoni previsti mid-Direttiva 2014/65/UE (MiFID II).
	Or. fr

Ġustifikazzjoni

Les crises liées à une surproduction structurelle ne peuvent pas toujours être résolues par des réductions volontaires de production. La Commission devrait pouvoir instaurer des réductions temporaires obligatoires en cas de crise, en répartissant l'effort prioritairement sur les plus grands producteurs afin de protéger les petites exploitations et de rétablir plus efficacement l'équilibre du marché. La volatilité excessive des prix agricoles est aggravée par la financiarisation des marchés de matières premières et la spéculation. Un pouvoir d'intervention explicite sur les positions spéculatives complète les outils de régulation déjà prévus par le présent règlement.

Emenda 1389
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Fl-Artikolu 219(1) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:
	Meta jkun hemm indikazzjonijiet oġġettivi ta' tfixkil imminenti, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri preventivi mingħajr ma tistenna li l-ħsara timmaterjalizza bis-sħiħ.
	Meta mill-inqas żewġ Stati Membri formalment jitolbu evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tanalizza s-sitwazzjoni u tikkonsulta lill-Istati Membri f'perjodu massimu ta' 15-il jum.
	Qabel ma tiffinanzja tnaqqis volontarju fil-produzzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk it-tfixkil jirriżultax prinċipalment minn żieda fl-importazzjonijiet jew fil-konċessjonijiet kummerċjali. F'każ bħal dan, għandha tingħata prijorità lill-miżuri ta' salvagwardja tal-kummerċ.
	L-għajnuna mill-Unjoni għandha tiġi ffinanzjata mix-xibka ta' sikurezza Ewropea għall-kriżijiet agrikoli.

Or. es

Emenda 1390
Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi mekkaniżmu strutturat li jippermetti mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu. Dan jiżgura li t-tħassib kondiviż minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi evitat li distorsjonijiet iżolati tas-suq nazzjonali jiskattaw awtomatikament interventi fis-suq Ewropew.

Emenda 1391
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 219 Miżuri kontra t-tfixkil fis-suq	***(30a)*** **"**Artikolu 219 Miżuri kontra t-tfixkil fis-suq
1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti	1. Sabiex issir reazzjoni effiċjenti u effikaċi kontra t-theddid ta' tfixkil fis-swieq ikkawżat minn żieda jew tnaqqis sinifikanti

fil-prezzijiet fi swieq interni u esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu s-suq b'mod sinifikanti, fejn dik is-sitwazzjoni jew l-effetti tagħha fuq is-suq x'aktarx ***ser*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE ***u sakemm kwalunkwe miżura oħra disponibbli taħt dan ir-Regolament tidher li tkun insuffiċjenti***.

Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesiġu hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawn ir-raġunijiet tant importanti ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant isir malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tista' tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid il-limitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew li jkun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.

Biex jiġi indirizzat it-tfixkil tas-suq jew it-theddida tiegħu, dawn il-miżuri jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri

fil-prezzijiet fi swieq interni u esterni jew avvenimenti u ċirkostanzi oħrajn li jfixklu jew jheddu li jfixklu s-suq b'mod sinifikanti, fejn dik is-sitwazzjoni jew l-effetti tagħha fuq is-suq x'aktarx ***se*** tkompli jew issir agħar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti f'konformità mal-Artikolu 227 biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni tas-suq, filwaqt li jiġi rrispettat kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn ftehimiet internazzjonali konklużi f'konformità mat-TFUE***. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut taħt ix-Xibka tas-Sikurezza "Għaqda" msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-mekkaniżmu tal-UE***.

Fejn fil-każijiet ta' theddid ta' tfixkil fis-swieq imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza li jesiġu hekk, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 għal atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawn ir-raġunijiet tant importanti ta' urġenza jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi indirizzat jew evitat tfixkil fis-suq, fejn it-theddid ta' tfixkil fis-suq tant isir malajr jew b'mod mhux mistenni li azzjoni immedjata tista' tkun meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u effettiv, jew fejn azzjoni tipprevjeni tali theddid ta' tfixkil fis-suq milli jimmaterjalizza, ikompli jew milli jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, jew fejn id-dewmien ta' azzjoni immedjata jhedded li jikkawża jew jaggrava t-tfixkil jew iżid il-limitu tal-miżuri li aktar tard ikunu meħtieġa biex it-theddid jew it-tfixkil jiġi indirizzat, jew li jkun ta' ħsara għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni jew tas-suq.

Biex jiġi indirizzat it-tfixkil tas-suq jew it-theddida tiegħu, dawn il-miżuri jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jestendu jew jimmodifikaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri

oħra previsti skont dan ir-Regolament, jew jipprovdu għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni, jew jissospendu dazji ta' importazzjoni għalkollox jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew ***perijodi*** skont il-ħtieġa.	oħra previsti skont dan ir-Regolament, jew jipprovdu għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni, jew jissospendu dazji ta' importazzjoni għalkollox jew parzjalment, inkluż għal ċerti kwantitajiet jew ***perjodi*** skont il-ħtieġa. ***"***

Or. fr

(Ir-Regolament 1308/2013)

Emenda 1392
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) Jekk jitfaċċa tfixkil serju fis-suq, filwaqt li jitqiesu primarjament il-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti, mill-inqas għaxar Stati Membri jistgħu jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprevedi diskussjoni strutturata f'każijiet ta' tfixkil serju fis-suq. Il-kunsiderazzjoni tal-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti tippermetti valutazzjoni aktar oġġettiva tal-iżviluppi eċċezzjonali tas-suq u tgħin biex jiġi żgurat li l-fluttwazzjonijiet fuq terminu qasir waħedhom ma jiskattawx il-mekkaniżmu.

Emenda 1393
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30a) Fl-Artikolu 219, jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:
Artikolu 219	***"Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jippreżentaw talba uffiċjali lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtieġa potenzjali għall-adozzjoni ta' att delegat, kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Malli tirċievi talba bħal din, il-Kummissjoni għandu jkollha 15-il jum biex fihom tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha. Jekk il-Kummissjoni tqis, bħala riżultat tal-valutazzjoni tagħha u dik id-diskussjoni li jkun sar il-każ għall-adozzjoni ta' att delegat, kif imsemmi fil-paragrafu 1, hija għandha, fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara dik il-valutazzjoni u d-diskussjoni, tadotta att delegat għal dan l-għan.*** ***"***

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Emenda 1394
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 1 tal-Parti V, jiddaħħal l-Artikolu 36a li ġej:
	Artikolu 219a
	Kontrolli settorjali u linji gwida għall-ġestjoni tal-kriżijiet

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli regolari tal-istat tas-setturi agrikoli individwali għall-finijiet ta' identifikazzjoni bikrija tar-riskji ta' tfixkil fis-suq.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, mill-inqas kull tliet snin, linji gwida għall-ġestjoni tal-kriżijiet li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li skonthom ix-xibka ta' sikurezza stabbilita mir-Regolament dwar il-Pjanijiet Nazzjonali tista' tiġi attivata rigward il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 219.

Or. pl

Emenda 1395
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) l-Artikolu 220, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 220	Artikolu 220
Miżuri dwar mard tal-annimali ***u pesti tal-pjanti*** u t-telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti	Miżuri dwar mard tal-annimali u telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni waqt li tieħu miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq milqut sabiex jittieħed kont:	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni waqt li tieħu miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq milqut sabiex jittieħed kont:
(a) tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' miżuri biex jikkumbattu t-tixrid ta' mard f'annimali ***jew il-firxa ta' pesti tal-pjanti***; u	(a) tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' miżuri biex jikkumbattu t-tixrid ta' mard f'annimali; u
(b) tat-tfixkil serju fis-swieq attribwit	(b) tat-tfixkil serju fis-swieq attribwit direttament għal telf ta' fiduċja tal-

direttament għal telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa u l-mard pubbliku, tal-annimali jew tal-pjanti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).

konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa u l-mard pubbliku, tal-annimali jew tal-pjanti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).

Or. en

Emenda 1396
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta mill-inqas żewġ Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont l-Artikolu 221, il-Kummissjoni għandha, fi żmien perjodu limitat mid-data tat-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri. Fi żmien perjodu limitat wara dik id-diskussjoni u l-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 223(3) li jippermettu l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 221 għall-prodotti kkonċernati.
	1b. Meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' tfixkil serju imminenti fis-suq, filwaqt li jitqiesu l-indikaturi tas-suq, inklużi l-limiti riveduti tal-prezzijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu limitat mid-data tat-talba uffiċjali. F'perjodu limitat wara dik id-diskussjoni u l-

valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 223(3), bħala miżura preventiva, li jippermettu l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 221 għall-prodotti kkonċernati, anke meta ma jkun għadu ġie identifikat l-ebda tfixkil fis-suq f'dak iż-żmien.

Or. en

Emenda 1397
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) L-Artikolu 220, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kwalunkwe settur li ġej:	2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kwalunkwe settur li ġej:
(-a) frott u ħxejjex;	
(a) laħam taċ-ċanga u tal-vitella;	(a) laħam taċ-ċanga u tal-vitella;
(b) ħalib u prodotti tal-ħalib;	(b) ħalib u prodotti tal-ħalib;
(c) laħam tal-majjal;	(c) laħam tal-majjal;
(d) laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż;	(d) laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż;
(e) bajd;	(e) bajd;
(f) laħam tat-tjur.	(f) laħam tat-tjur.
Il-miżuri msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 li huma relatati mat-telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika jew tal-pjanti għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti agrikoli l-oħra kollha minbarra għal dawk elenkati fit-Taqsima 2 tal-Parti XXIV tal-Anness I. Il-Kummissjoni	Il-miżuri msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 li huma relatati mat-telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika jew tal-pjanti għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti agrikoli l-oħra kollha minbarra għal dawk elenkati fit-Taqsima 2 tal-Parti XXIV tal-Anness I. Il-Kummissjoni

għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 228, biex testendi l-lista ta' prodotti msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 228, biex testendi l-lista ta' prodotti msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 1398
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-miżuri previsti ***fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, punt (a)*** jistgħu jittieħdu biss jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa miżuri sanitarji***,*** veterinarji ***jew fitosanitarji*** malajr biex jeqred il-marda ***jew biex jissorvelja, jikkontrolla u jeqred jew irażżan il-pesta,*** u biss sa fejn u sakemm ikun strettament meħtieġ biex jappoġġa s-suq ***konċernat***.	4. Il-miżuri previsti ***fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)*** jistgħu jittieħdu biss jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa miżuri sanitarji ***u*** veterinarji malajr biex jeqred il-mard, u biss sa fejn u sakemm ikun strettament meħtieġ biex jappoġġa s-suq ***ikkonċernat***.

Or. en

Emenda 1399
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) (ba) tfixkil serju fil-kummerċ jew fis-suq li jirriżulta direttament jew

indirettament mill-okkorrenza, mit-tixrid jew mir-riskju tat-tixrid ta' marda tal-annimali, inkluż it-telf sinifikanti tal-fiduċja tax-xerrejja jew tal-konsumaturi;

(bb) tfixkil serju kkawżat minn twissija tas-saħħa jew telf ġeneralizzat fil-fiduċja relatata mas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, dment li l-effetti ekonomiċi tagħhom ikunu oġġettivi u verifikabbli, irrispettivament minn jekk ir-riskju inizjali jiġix sussegwentement ikkonfermat

Or. es

Emenda 1400
Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30c) Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi mekkaniżmu strutturat li jippermetti mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu. Dan jiżgura li t-tħassib kondiviż minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi evitat li distorsjonijiet iżolati tas-suq nazzjonali jiskattaw awtomatikament interventi fis-suq Ewropew.

Emenda 1401
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30d) Jekk jitfaċċa tfixkil serju fis-suq, filwaqt li jitqiesu primarjament il-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti, mill-inqas għaxar Stati Membri jistgħu jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprevedi diskussjoni strutturata f'każijiet ta' tfixkil serju fis-suq. Il-kunsiderazzjoni tal-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti tippermetti valutazzjoni aktar oġġettiva tal-iżviluppi eċċezzjonali tas-suq u tgħin biex jiġi żgurat li l-fluttwazzjonijiet fuq terminu qasir waħedhom ma jiskattawx il-mekkaniżmu.

Emenda 1402
Stefan Köhler, Lena Düpont, Norbert Lins, Marion Walsmann, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	l-Artikolu 220 huwa emendat kif ġej:
2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kwalunkwe settur li ġej:	2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kwalunkwe settur li ġej:
(a) laħam taċ-ċanga u tal-vitella;	(a) laħam taċ-ċanga u tal-vitella;
(b) ħalib u prodotti tal-ħalib;	***(aa) frott u ħxejjex;***
(c) laħam tal-majjal;	(b) ħalib u prodotti tal-ħalib;
(d) laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż;	(c) laħam tal-majjal;

(e) bajd;	(d) laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż;
(f) laħam tat-tjur.	(e) bajd;
	(f) laħam tat-tjur***;***
	(fa) patata;
	(fb) pitravi taz-zokkor.
	”

Or. en

(1308/2013)

Emenda 1403
Stefan Köhler, Lena Düpont, Norbert Lins, Marion Walsmann, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu li jivvalutaw il-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont l-Artikolu 220, il-Kummissjoni għandha l-obbligu f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali li tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

(1308/2013)

Emenda 1404
Stefan Köhler, Lena Düpont, Norbert Lins, Marion Walsmann, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220 – paragrafu 1b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1b. Jekk jitfaċċa tfixkil serju fis-suq, filwaqt li jitqiesu primarjament il-

prezzijiet tas-suq bħala medja matul l-aħħar 5 snin, mill-inqas għaxar Stati Membri flimkien jista' jkollhom id-dritt li jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li trid issir f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali.

Or. en

(1308/2013)

Emenda 1405
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(29a) Artikolu 220a ġdid Miżuri dwar ir-riskji għas-saħħa tal-pjanti u l-kriżijiet akuti tas-saħħa tal-pjanti
Artikolu 220a (ġdid)	***"1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni waqt li tieħu miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-settur affettwat sabiex jitqiesu d-danni severi minħabba diffikultajiet biex jiġu miġġielda pesti li jaffettwaw ħafna l-għalla. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippermettu kumpens għad-danni għall-bdiewa.***
	2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 jistgħu japplikaw għal kwalunkwe settur ta' għalla li tinħarat. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut mir-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) biex jiġu appoġġati s-setturi affettwati fil-ġlieda kontra tali kriżijiet u jiġi evitat li jirrepetu ruħhom.
	"

Or. en

Emenda 1406
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 220a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) Fil-Parti V, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, jiżdied l-Artikolu 220a li ġej
	Miżuri dwar ir-riskji għas-saħħa tal-pjanti u l-kriżijiet akuti tas-saħħa tal-pjanti
	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni waqt li tieħu miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-settur affettwat sabiex jitqiesu d-danni severi minħabba diffikultajiet biex jiġu miġġielda pesti li jaffettwaw ħafna l-għalla. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippermettu kumpens għad-danni għall-bdiewa.
	2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 jistgħu japplikaw għal kwalunkwe settur ta' għalla li tinħarat. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut mir-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) biex jiġu appoġġati s-setturi affettwati fil-ġlieda kontra tali kriżijiet u jiġi evitat li jirrepetu ruħhom.

Or. en

Emenda 1407
Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30e (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 221 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30e) Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi mekkaniżmu strutturat li jippermetti mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu. Dan jiżgura li t-tħassib kondiviż minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi evitat li distorsjonijiet iżolati tas-suq nazzjonali jiskattaw awtomatikament interventi fis-suq Ewropew.

Emenda 1408
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30f (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 221 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30f) Jekk jitfaċċa tfixkil serju fis-suq, filwaqt li jitqiesu primarjament il-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti, mill-inqas għaxar Stati Membri jistgħu jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprevedi diskussjoni strutturata f'każijiet ta' tfixkil serju fis-suq. Il-kunsiderazzjoni tal-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti tippermetti valutazzjoni aktar oġġettiva tal-iżviluppi eċċezzjonali tas-suq u tgħin biex jiġi żgurat li l-fluttwazzjonijiet

fuq terminu qasir waħedhom ma jiskattawx il-mekkaniżmu.

Emenda 1409
Stefan Köhler, Lena Düpont, Norbert Lins, Marion Walsmann, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 221 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2a. Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu li jivvalutaw il-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont l-Artikolu 221, il-Kummissjoni għandha l-obbligu f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali li tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

(1308/2013)

Emenda 1410
Stefan Köhler, Lena Düpont, Norbert Lins, Marion Walsmann, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 221 – paragrafu 2b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2b. Jekk jitfaċċa tfixkil serju fis-suq, filwaqt li jitqiesu primarjament il-prezzijiet tas-suq bħala medja matul l-aħħar 5 snin, mill-inqas għaxar Stati Membri flimkien jista' jkollhom id-dritt li jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li trid issir f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali.

Or. en

(1308/2013)

Emenda 1411
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) L-Artikolu 222 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. ***Matul perijodi*** ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw li l-Artikolu 101(1) TFUE ma ***għandux japplika*** għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa***,*** jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti ***fi kwalunkwe wieħed*** mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma ***jfixklux*** il-funzjonament korrett tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:	1. ***Waqt perjodi li matulhom ikun hemm theddida*** ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw li l-Artikolu 101(1) TFUE ma ***japplikax*** għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa ***jew proċessuri upstream***, ***għal*** assoċjazzjonijiet tal-bdiewa jew ***għal*** assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew ***għal*** organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, ***għal*** assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u ***għal*** organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti***, kif ukoll għal assoċjazzjonijiet ta' proċessuri upstream f'wieħed*** mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma ***jikkompromettux*** il-funzjonament korrett tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
(a) l-irtirar mis-suq jew it-tqassim b'xejn tal-prodotti tagħhom;	(a) l-irtirar mis-suq jew it-tqassim b'xejn tal-prodotti tagħhom;
(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;	***(b)*** l-ipproċessar ***u t-tqegħid fis-suq;***
(c) ***il-ħżin*** minn operaturi privati;	***(c) il-ħażna*** minn operaturi privati;
(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;	***(d)*** miżuri konġunti ta' promozzjoni;
(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;	(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;
(f) ix-xiri konġunt ***tar-riżorsi*** meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' ***pesti*** u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew	***(f)*** ix-xiri konġunt ***tal-mezzi ta' produzzjoni*** meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' ***parassiti*** u mard fl-annimali u l-

tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;	pjanti fl-Unjoni jew ***tal-mezzi ta' produzzjoni***
	(g) meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;
(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, b'kont meħud tan-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.	(h) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, b'kont meħud tan-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.
Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika ***l-kamp*** ta' applikazzjoni ***sostantiv u ġeografiku ta' din id-deroga u***, soġġett għall-paragrafu 3, ***il-perijodu*** li għalih tapplika d-deroga. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).	***Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 127 il-ġdid ta' dan ir-Regolament, tista' tiddeċiedi li tipprovdi lill-Istati Membri kkonċernati l-appoġġ mill-Unjoni msemmi fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-fondi Ewropej. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni mingħajr dewmien ta' dawk il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati***. ***Il-Kummissjoni*** għandha tispeċifika***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kamp*** ta' applikazzjoni ***tad-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu***, soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ***il-perjodu*** li għalih tapplika d-deroga***, u, meta jkun xieraq, l-ammont tar-riżerva għall-agrikoltura allokat lill-Istat Membru kkonċernat skont it-tieni subparagrafu***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).
	Or. fr

Emenda 1412
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Matul ***perijodi*** ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw li l-Artikolu 101(1) TFUE ***ma għandux japplika*** għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament korrett tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin: (a) l-irtirar mis-suq jew id-distribuzzjoni mingħajr ħlas tal-prodotti tagħhom; (b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar; (c) il-ħżin minn operaturi privati; ***(d)*** miżuri konġunti ta' promozzjoni; (e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta; kwalità; ***(f)*** ix-xiri konġunt ***tar-riżorsi*** meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew ***tar-riżorsi*** meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni; ***(g)*** l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.	***L-Artikolu 222 huwa emendat kif ġej: 1.*** Matul ***perjodi fejn ikun hemm ir-riskju*** ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw li l-Artikolu 101(1) TFUE ***għandu jiġi eskluż mill-applikazzjoni*** għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew ***inkella*** organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament korrett tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin: (a) l-irtirar mis-suq jew id-distribuzzjoni mingħajr ħlas tal-prodotti tagħhom; (b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar; ***(c)*** il-ħżin minn operaturi privati; ***(d) azzjonijiet*** konġunti ta' promozzjoni; (e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta; kwalità; ***(f)*** ix-xiri konġunt ***ta' inputs*** meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew ***ta' inputs***; ***(g)*** meħtieġa biex jiġu ttrattati l-effetti ta' diżastri naturali fl-Unjoni***;*** ***(h)*** l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), bidwi għandu jingħata appoġġ li jammonta għal 80 % tal-kost tal-ħżin u inċentiv finanzjarju biex iħallas il-kostijiet tal-ġestjoni tal-ħżin. Meta l-***

	Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 127 (ġdid) ta' dan ir-Regolament, hija tista' tiddeċiedi li tagħmel l-appoġġ tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura msemmija fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jistabbilixxi l-Fond Agrikolu Ewropew għas-Sigurtà msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/2116 disponibbli għall-Istati Membri kkonċernati. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati mingħajr dewmien.
Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ***sostantiv u ġeografiku ta' din id-deroga u, soġġett għall-paragrafu 3***, ***il-perijodu*** li għalih tapplika d-deroga. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).	Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ***tad-deroga tal-ewwel subparagrafu, soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, ***il-perjodu*** li għalih tapplika d-deroga ***u, jekk ikun il-każ, l-ammont tar-riżerva għall-agrikoltura allokata lill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mat-tieni subparagrafu***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).

Or. it

Ġustifikazzjoni

Is-suq taz-zokkor tal-UE huwa kkaratterizzat minn volatilità għolja, speċjalment minn tmiem is-sistema tal-kwoti fl-2017. Sabiex jiġi stabbilizzat is-suq, għandha ssir dispożizzjoni għal strument tas-suq fil-forma ta' intervent pubbliku. Fil-fatt, l-għajnuna għall-ħżin privat kienet diffiċli biex tiġi implimentata, b'mod partikolari minħabba l-istaġjonalità tal-produzzjoni taz-zokkor tal-pitravi. Għalhekk, iz-zokkor għandu jiġi inkluż fl-intervent pubbliku.

Emenda 1413
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222

Test fis-seħħ	*Emenda*
L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE	***(28a)*** L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE
Matul ***perijodi*** ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw lil-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti, tal-assoċjazzjonijiet tagħhom u tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi kwalunkwe mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:	Matul ***perjodi*** ta' żbilanċ qawwi fis-swieq ***jew ta' riskju ta' tali żbilanċ***, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw lil-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti, tal-assoċjazzjonijiet tagħhom u tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti ***u l-ewwel proċessuri u l-organizzazzjonijiet tagħhom li joperaw*** fi kwalunkwe mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
(a) l-irtirar mis-suq jew it-tqassim b'xejn tal-prodotti tagħhom;	(a) l-irtirar mis-suq jew it-tqassim b'xejn tal-prodotti tagħhom;
(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;	(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;
(c) il-ħżin minn operaturi privati;	(c) il-ħżin minn operaturi privati;
(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;	(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;
(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;	(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;
(f) ix-xiri konġunt tar-riżorsi meħtieġa biex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;	(f) ix-xiri konġunt tar-riżorsi meħtieġa biex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;
(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, b'kont meħud tan-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.	(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, b'kont meħud tan-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.
Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u ġeografiku ta' din id-deroga u, soġġett għall-paragrafu 3, ***il-perijodu*** li għalih tapplika d-deroga.	***Il-miżuri implimentati skont dan l-Artikolu jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament mir-riżerva għall-agrikoltura jew mix-xibka ta' sikurezza stabbilita mir-Regolament dwar il-***

	Pjanijiet Nazzjonali.
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).	Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u ġeografiku ta' din id-deroga u, soġġett għall-paragrafu 3, ***il-perjodu*** li għalih tapplika d-deroga.
2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika biss jekk il-Kummissjoni tkun diġà adottat waħda mill-miżuri msemmija f'dan il-Kapitolu, jekk inxtraw prodotti bl-intervent pubbliku jew jekk tkun ingħatat għajnuna għall-ħżin privat imsemmi fil-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).
3. Il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu validi biss għal ***perjodu*** ta' mhux aktar minn sitt xhur.	2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika biss jekk il-Kummissjoni tkun diġà adottat waħda mill-miżuri msemmija f'dan il-Kapitolu, jekk inxtraw prodotti bl-intervent pubbliku jew jekk tkun ingħatat għajnuna għall-ħżin privat imsemmi fil-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II.
Madankollu, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jawtorizzaw ftehimiet u deċiżjonijiet bħal dawn għal ***perijodu*** ieħor ta' mhux aktar minn sitt xhur. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).	3. Il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu validi biss għal ***perjodu*** ta' mhux aktar minn sitt xhur.
	Madankollu, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jawtorizzaw ftehimiet u deċiżjonijiet bħal dawn għal ***perjodu*** ieħor ta' mhux aktar minn sitt xhur. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).
	Jekk żewġ Stati Membri jew aktar jitolbu dan, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li tkun irċeviet it-talba.
	'

Or. pl

(32013R1308)

Emenda 1414
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30c) l-Artikolu 222, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 222	Artikolu 222
L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE	L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE
1. Matul perjodi ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fis-sens li l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' ***bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew*** organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, ***assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi*** u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament xieraq tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:	1. Matul perjodi ta' żbilanċ qawwi fis-swieq ***jew meta jkun hemm riskju ta' żbilanċ serju fis-suq***, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fis-sens li l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, ***intrapriżi tal-ipproċessar primarji, l-assoċjazzjonijiet tagħhom*** u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament xieraq tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
(a) l-irtirar mis-suq jew id-distribuzzjoni mingħajr ħlas tal-prodotti tagħhom;	(a) l-irtirar mis-suq jew id-distribuzzjoni mingħajr ħlas tal-prodotti tagħhom;
(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;	(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;
(c) il-ħżin minn operaturi privati;	(c) il-ħżin minn operaturi privati;
(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;	(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;
(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;	(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;

(f) ix-xiri konġunt tar-riżorsi meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;	(f) ix-xiri konġunt tar-riżorsi meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;
(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni. Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u ġeografiku ta' din id-deroga u, soġġett għall-paragrafu 3, ***il-perijodu*** li għalih tapplika d-deroga. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).	(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni. Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u ġeografiku ta' din id-deroga u, soġġett għall-paragrafu 3, ***il-perjodu*** li għalih tapplika d-deroga. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 229(2).

Or. en

Emenda 1415
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30b) Fl-Artikolu 222, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Matul perjodi ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fis-sens li l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi	**"**1. Matul perjodi ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fis-sens li l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi

kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament xieraq tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:	kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament xieraq tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
(a) l-irtirar mis-suq jew id-distribuzzjoni mingħajr ħlas tal-prodotti tagħhom;	(a) l-irtirar mis-suq jew id-distribuzzjoni mingħajr ħlas tal-prodotti tagħhom;
(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;	***(aa) id-dekummissjonar ta' prodotti organiċi żejda għas-swieq konvenzjonali;***
(c) il-ħżin minn operaturi privati;	(b) it-trasformazzjoni u l-ipproċessar;
(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;	(c) il-ħżin minn operaturi privati;
(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;	(d) miżuri konġunti ta' promozzjoni;
(f) ix-xiri konġunt tar-riżorsi meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;	(e) ftehimiet dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità;
(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.	(f) ix-xiri konġunt tar-riżorsi meħtieġa sabiex jiġi miġġieled it-tixrid ta' pesti u mard fl-annimali u l-pjanti fl-Unjoni jew tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-effetti tad-diżastri naturali fl-Unjoni;
	(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni, filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni.
	"

Or. en

(Ir-Regolament Nru 1308/2013)

Emenda 1416
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Susana Solís Pérez, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Antonio López-Istúriz White, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30c (ġdid)
Regolament (EU) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
1.Matul perijodi ta' żbilanċ qawwi ***fis-swieq***, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni ***li jistipulaw li*** l-Artikolu 101(1) TFUE ***ma għandux japplika*** għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet ***tal-bdiewa***, ***jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew*** organizzazzjonijiet ta' produtturi ***rikonoxxuti***, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ***rikonoxxuti*** tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali ***rikonoxxuti fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament korrett tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:***	***(30c)*** 1. Matul perijodi ta' żbilanċ qawwi ***jew meta jkun hemm theddida ppruvata ta' żbilanċ serju,*** il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni ***li jiddikjaraw*** l-Artikolu 101(1) TFUE ***inapplikabbli*** għal ftehimiet u deċiżjonijiet ***temporanji*** ta' bdiewa, ***l-ewwel proċessuri,*** assoċjazzjonijiet, ***kooperattivi,*** organizzazzjonijiet ta' produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali.
	Il-miżuri jistgħu japplikaw għas-setturi agrikoli kollha u għandhom jimmiraw eskluživament lejn l-istabbilizzazzjoni tas-suq, il-prevenzjoni ta' telf serju jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet kollettivi proporzjonati.
	Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-produtturi minn qabel u għandha tistabbilixxi t-tul taż-żmien, il-kontrolli u l-kundizzjonijiet tal-ħruġ.
	Or. es

Emenda 1417
Jérémy Decerle, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jippreżentaw talba uffiċjali lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtieġa potenzjali tal-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Malli tirċievi talba bħal din, il-Kummissjoni għandu jkollha 15-il jum biex fihom tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha. Jekk il-Kummissjoni tqis, bħala riżultat tal-valutazzjoni tagħha u dik id-diskussjoni li jkun sar il-każ għall-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 1, hija għandha, fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara dik il-valutazzjoni u d-diskussjoni, tadotta att ta' implimentazzjoni għal dan l-għan.

Or. en

Emenda 1418
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Emmanouil Kefalogiannis, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30c) Fl-Artikolu 222, għandu jiżdied it-test li ġej:
	2a. Meta mill-inqas żewġ Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont l-Artikolu 222, il-Kummissjoni għandha, fi żmien perjodu limitat mid-data tat-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri. F'perjodu limitat wara dik id-diskussjoni u l-

valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 223(2), li jipprevedu li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma għandux japplika għall-ftehimiet u għad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 222 għall-prodotti kkonċernati.

2b. Meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' tfixkil serju futur fis-suq, filwaqt li jitqiesu l-indikaturi tas-suq, inklużi l-limiti riveduti tal-prezzijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu limitat mid-data tat-talba uffiċjali. F'perjodu limitat wara dik id-diskussjoni u l-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 223(2), li jipprevedu li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma għandux japplika għall-ftehimiet u għad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 222 għall-prodotti kkonċernati, anke fejn ma jkun għadu ġie identifikat l-ebda tfixkil fis-suq f'dak iż-żmien.

Or. en

Emenda 1419
Christine Singer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30g (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(30g) Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali, tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza**

diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi mekkaniżmu strutturat li jippermetti mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont dan l-Artikolu. Dan jiżgura li t-tħassib kondiviż minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi evitat li distorsjonijiet iżolati tas-suq nazzjonali jiskattaw awtomatikament interventi fis-suq Ewropew.

Emenda 1420
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30h (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30h) Jekk jitfaċċa tfixkil serju fis-suq, filwaqt li jitqiesu primarjament il-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti, mill-inqas għaxar Stati Membri jistgħu jitolbu diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandha ssir f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprevedi diskussjoni strutturata f'każijiet ta' tfixkil serju fis-suq. Il-kunsiderazzjoni tal-prezzijiet medji tas-suq matul il-5 snin preċedenti tippermetti valutazzjoni aktar oġġettiva tal-iżviluppi eċċezzjonali tas-suq u tgħin biex jiġi żgurat li l-fluttwazzjonijiet fuq terminu qasir waħedhom ma jiskattawx il-mekkaniżmu.

Emenda 1421
Stefan Köhler, Lena Düpont, Norbert Lins, Marion Walsmann, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1e (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2a. Meta mill-inqas għaxar Stati Membri jitolbu li jivvalutaw il-ħtieġa potenzjali ta' miżuri skont l-Artikolu 222, il-Kummissjoni għandha l-obbligu f'perjodu ta' żmien limitat wara t-talba uffiċjali li tivvaluta s-sitwazzjoni u torganizza diskussjoni mal-Istati Membri.

Or. en

(1308/2013)